



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.10.2011  
KUMM(2011) 665 finali

2011/0302 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**

{SEG(2011) 1262 finali}

{SEG(2011) 1263 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni addottat proposta għall-qafas finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-perjodu 2014-2020<sup>1</sup>: "Baġit għall-Ewropa 2020". Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-ħolqien ta' strument ġdid integrat għall-investiment fi prijoritajiet infrastrutturali tal-UE fit-Trasport, l-Enerġija u t-Telekomunikazzjoni: il-“Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa” (minn hawn 'il quddiem CEF – “Connecting Europe Facility”).

Li fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali jkun hemm netwerks intelliġenti, sostenibbli u interkollegati kompletament bejniethom hija kundizzjoni neċessarja għat-tlestija tas-Suq Uniku Ewropew. Barra minn hekk, investimenti f'infrastrutturi ewlenin b'valur miżjud qawwi għall-UE jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa f'kuntest ekonomiku diffiċli, ikkaratterizzat minn tkabbir kajman u baġits pubbliċi ristretti. Fl-aħħarnett, tali investimenti fl-infrastruttura huma wkoll strumentali sabiex l-UE tkun tista' tilħaq l-oġettivi tagħha għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli kif imsemmija fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-oġettivi “20-20-20” tal-UE fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija u l-klima<sup>2</sup>.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-CEF. Huwa jibbaża fuq il-ħidma li saret għat-tnejn tar-reviżjoni tal-qafas politiku fit-tliet setturi kollha li huma (it-Trasport, l-Enerġija, u t-Telekomunikazzjoni) għall-qafas finanzjarju Multiannwali li jmiss (2014-2020). Skont l-Artikolu 170 tat-TFUE, hemm proposti linji gwida ġodda f'kull settur skont l-eżiġenzi tas-CEF. Għalhekk, il-Linji Gwida riveduti għat-Trasport, l-Enerġija u t-Telekomunikazzjoni min-naħa u s-CEF min-naħa l-oħra jsawru pakkett regolatorju wieħed koerenti.

Matul l-aħħar għaxar snin, in-nefqa fuq l-infrastruttura fl-Ewropa, bħala medja, kienet dejjem għan-niżla. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja, madankollu, ġeddet l-interess fil-ħtieġa ta' investiment fl-infrastruttura. Matul il-kriżi ekonomika, investimenti mmirati għat-tiġdid jew il-bini tal-infrastruttura kienu parti importanti mill-pjanijiet ta' stimolu u rkurpru f'livelli tal-UE u tal-Istati Membri, bħala mezz kif titwieżen komplessivament id-domanda filwaqt li jiġi żgurat rendiment fit-tul għall-flus minfuqa. Fuq kollox, il-kriżi uriet illi l-infrastrutturi huma kruċjali għall-ġejjieni ekonomiku tal-Ewropa.

Suq Uniku integrat tabilħaqq, kif wera r-Rapport ta' Monti<sup>3</sup>, ma jistax iseħħ mingħajr ma jkollu kollegament li jgħaqqad bla problemi ta' xejn il-partijiet kollha li jsawruh. Il-kollegamenti tat-trasport, il-grilji tal-elettriku u n-netwerks tal-broadband huma vitali sabiex ikun hemm żona ekonomika integrata li taħdem tajjeb u għall-koeżjoni soċjali u territorjali

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u l-Komitat tar-Reġjuni "Baġit għall-Ewropa 2020", 29.6.2011, COM(2011)500 Finali.

<sup>2</sup> Tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, sehem ta' 20 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tal-UE u titjib ta' 20 % fl-effiċjenza tal-enerġija sal-2020.

<sup>3</sup> "Strateġija ġdida għas-Suq Uniku li jaqdi l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa". Rapport ta' Mario Monti lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, 9 ta' Mejju 2010, paġna 64-65.

tagħha. Sadattant, filwaqt illi l-integrazzjoni regolatorja miexja 'l quddiem fi ħdan l-UE u s-swieq qegħdin isiru aktar integrati, dan l-aħħar fil-qasam tal-enerġija bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tat-tielet pakkett ta' liberalizzazzjoni, l-interkollegament fiżiku transkonfinali għadu lura. Hemm kollegamenti neqsin, b'mod partikolari fl-Istati Membri l-ġodda, illi joħlqu firda bejn iċ-ċentru tal-Unjoni Ewropea u l-periferiji u jxekklu t-twettiq ta' aktar żvilupp fl-iskambji intra-Unjoni jew it-tkabbir ta' setturi ekonomiċi ġodda, bħal pereżempju l-kummerċ elettroniku.

Ġew identifikati bżonnijiet konsiderevoli ta' investiment. Fis-settur tal-enerġija, ir-regolament propost dwar linji gwida għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet Ewropej fl-infrastruttura tal-enerġija (minn hawn 'il quddiem Linji Gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija) jidentifika t-nax-il kuritur u qasam ta' prijorità għall-infrastruttura, erbgħa għal kull settur, l-elettriku, u l-ġarr tal-gass, kif ukoll it-tqegħid ta' grilji intelliġenti, l-awtostradi tal-elettriku u n-netwerks transkonfinali għad-dijossidu tal-karbonju. Filwaqt illi s-sistema tal-enerġija tal-Ewropa tkun teħtieġ investimenti ta' madwar triljun sal-2020, li minnhom huwa stmat illi investiment ta' xi EUR 200 biljun huwa meħtieġ biss biss għal netwerks tal-elettriku u tal-gass ta' importanza Ewropea. EUR 100 biljun minn dan l-investment totali għandhom jinġabru mis-suq waħdu, filwaqt li għall-EUR 100 biljun l-oħra jkun hemm bżonn ta' azzjoni pubblika sabiex jingranaw l-investimenti meħtieġa.

Fis-settur tat-trasport, 'network ewlieni' mifrux mal-Ewropa ġie identifikat bl-użu ta' metodoloġija ta' ppjanar pan-Ewropew. Dan in-network ewlieni, li għandu kurituri mnejn jgħaddi t-traffiku tal-ġarr tal-merkanzija u tal-passiġġieri b'effikaċja kbira u b'emissjonijiet baxxi, jagħmel użu estensiv tal-infrastruttura eżistenti. Jekk indaħħlu l-kollegamenti li jonqos u ntaffu l-konġestjonijiet u bis-saħħa tal-użu ta' servizzi aktar effiċjenti fil-kumbinazzjonijiet multimodali, dan ikun jista' jiflaħ għall-parti l-kbira tal-flussi tat-trasport fis-suq uniku. L-ispiża tal-iżvilupp tal-infrastruttura għall-UE sabiex tiġi taqbel mad-domanda għat-trasport ġiet stmata li taqbeż il-EUR 1.5 triljun bejn l-2010 u l-2030 għan-netwerks kollha tat-trasport tal-Istati Membri tal-UE. It-tlestija tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport teħtieġ madwar EUR 500 biljun sal-2020, li EUR 250 biljun minnhom ser ikun hemm bżonnhom sabiex jitlestew il-kollegamenti li hemm nieqsa u jitneħħew il-konġestjonijiet minn fuq in-network ewlieni.

Għan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, it-tneħħija tal-konġestjonijiet (diġitali) illi jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali hija objettiv prinċipali. Dan jimplika l-ħtieġa li jkun hemm titjib ġenerali tan-network kollu tal-broadband u l-istabbiliment ta' pjattaformi ta' infrastruttura għas-servizz diġitali li jippermettu tħaddim diġitali koerenti tas-servizzi pubbliċi Ewropej. M'hemmx għalfejn ngħidu, dawn in-netwerks, sew dawk fiżiċi kif ukoll dawk ibbażati fuq servizzi, huma mezzi ewlenin li jippermettu tkabbir intelliġenti. Bħala parti mill-Aġenda Diġitali, kull Ewropew għandu jkollu aċċess għall-broadband bażiku sal-2013 u għall-broadband veloċi u ultraveloċi sal-2020. F'Settembru tal-2010, il-Kummissjoni spjegat il-passi li hemm bżonn jittieħdu sabiex jinħareġ investiment li jlaħħaq il-EUR 270 biljun meħtieġ sabiex jitwassal il-broadband ultraveloċi fid-djar u n-negozji Ewropej kollha sal-2020. Fiċ-ċirkostanzi preżenti huwa s-settur privat li jrid jagħmel tajjeb għal parti minn dal-ħtiġijiet ta' investiment. Il-ħtiġijiet ta' investiment sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi huma stmati li jlaħqu l-EUR 270 biljun. Madankollu, jekk ma jkunx hemm intervent min-naħa tal-Unjoni, l-investment mis-settur privat mhux mistenni li jaqbeż il-EUR 50 biljun għall-perjodu li jwassal sal-2020. Dan johlq diskrepanza fl-investment li tlaħħaq il-EUR 220 biljun. Minħabba illi l-benefiċċji soċjali mill-investment fl-infrastrutturi diġitali

jisbqu bil-wisq l-inċentiv għall-investiment privat, hemm bżonn ta' intervent pubbliku ffukat sabiex jiġi xprunat is-suq.

L-analiżi mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni bi tnejn għal dan ir-Regolament uriet li waqt li s-suq u l-baġits nazzjonali huma mistennija li jkollom rwol ewlieni fil-ħolqien tal-infrastrutturi meħtieġa permezz ta' investiment u mekkaniżmi li jiddeterminaw il-prezz addattati, ċerti investimenti fl-infrastruttura mhux sejrini iseħħu jew inkella se jitħallew għal ferm wara l-2020, jekk l-UE ma tiħux azzjoni. Għalhekk, hemm bżonn ta' kontribuzzjoni sinifikanti mill-baġit tal-UE fil-qafas finanzjarju Multiannwali li jmiss sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet infrastrutturali tal-UE jitwettqu tabilħaqq.

Sabiex jizjed l-impatt tar-riżorsi tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni qed tipproponi li tirrikorri b'mod aktar sistematiku għall-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi sabiex toffri alternattiva għall-finanzjament tradizzjonali b'għotjiet ta' flus u timla l-vojt li jeżisti fl-iffinanzjar ta' investimenti strateġiċi. Karatteristika importanti tal-istrumenti finanzjarji innovattivi hija dik li joħolqu effett multiplikatur aktar qawwi għall-baġit tal-UE milli jagħmlu strumenti tradizzjonali, billi jiffaċilitaw u jattiraw finanzjament pubbliku u privat ieħor għall-proġetti li huma ta' interess għall-UE. Huma jingranaw l-investiment u għalhekk ikabbru l-impatt tal-baġit tal-UE.

Waqt li tibni fuq l-esperjenza tal-istrumenti finanzjarji fil-qafas finanzjarju attwali li ddaħħlu bil-kooperazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), bħal per eżempju l-Istrument ta' Garanzija ta' Self għall-proġetti ta' netwerks trans-Ewropej ta' transport (minn hawn 'l quddiem LGTT), il-Kummissjoni tipproponi li timplimenta parti mdaqqa sew tal-interventi tagħha fi ħdan is-CEF permezz ta' strumenti finanzjarji. B'mod partikolari, l-Inizjattiva ta' ħruġ ta' Bonds għall-Proġetti tal-Ewropa 2020 (Europe 2020 Project Bond Initiative)<sup>4</sup> se tintuża bħala mod kif jinkisbu riżorsi ta' investiment għal proġetti ta' infrastruttura b'interess strateġiku ewlieni għall-Ewropa.

## **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **2.1 Konsultazzjoni u pariri esperti**

Dan ir-Regolament jibbaża fuq konsultazzjoni estensiva ma' partijiet interessati, istituzzjonijiet u korpi tal-UE, Stati Membri, awtoritajiet reġjonali u lokali, imsieħba soċjali u ekonomiċi, esperti akkademiċi u istituzzjonijiet internazzjonali. Intużaw ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet intermedjarji li saru fuq il-programmi 2007-13 kif ukoll firxa wiesgħa ta' studji u pariri esperti li kkontribwew għax-xogħol li sar.

Għat-tliet setturi li huma, il-kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati fost oħrajn qajmu l-kwistjonijiet li ġejjin:

Mill-konsultazzjonijiet joħroġ qbil mifrux fuq il-fatt, li sabiex jizjed il-pass tal-iżvilupp infrastrutturali b'valur miżjud Ewropew hemm bżonn iktar appoġġ mill-UE..

---

<sup>4</sup> COM(2011)xxx dwar it-tneġġja tal-fażi pilota tal-Inizjattiva ta' ħruġ ta' Bonds għall-Proġetti tal-Ewropa 2020.

Il-partijiet interessati appellaw għal ingranaġġ akbar mill-fondi tal-UE lill-objettivi tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej, permezz pereżempju ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-istrumenti finanzjarji differenti, b'mod partikolari l-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-programmi ta' netwerks trans-Ewropej u l-interventi tal-BEI.

It-twessigħ tal-portafoll tal-istrumenti finanzjarji disponibbli huwa meqjus mill-partijiet interessati bħala mezz ta' kif wieħed jaġġusta b'mod aħjar l-appoġġ mogħti għall-bżonnijiet partikolari ta' proġett, sabiex ikun hemm strutturar effettiv tal-proġetti u sabiex jiġu attirati investituri ġodda. L-Inizjattiva ta' ħruġ ta' Bonds għall-Proġetti ppjananta hija partikolarment addattata għal investimenti ta' daqs akbar taħt is-CEF.

## 2.2 Valutazzjoni tal-Impatt

Saret valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament rigward l-alternattivi differenti li jeżistu fl-implementazzjoni tas-CEF bħala inizjattiva ta' politika; jiġifieri l-alternattivi li jeżistu ta' kif jiġu definiti r-regoli operattivi tas-CEF. Il-valutazzjoni tal-impatt telqet mill-objettiv ġenerali tas-CEF kif propost fil-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali "Baġit għall-Ewropa 2020"<sup>5</sup> – li jitħaffef il-pass tal-iżvilupp tal-infrastruttura li l-UE għandha bżonn sabiex tilħaq l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kif ukoll il-miri "20-20-20" marbuta mal-enerġija u t-tibdil fil-klima – u bbażat fuq ir-riżultat mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, u mill-istudji ta' evalwazzjoni tal-programmi preżenti tal-UE li joffru appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tat-TEN.

Il-valutazzjoni tal-impatti tal-alternattivi ta' politika possibbli ffukat prinċipalment fuq il-kisba, bl-aktar mod effettiv, effiċjenti u koerenti ta' żewġ objettivi speċifiċi ewlenin:

- 1) Żieda fl-ingranaġġ li tingħata mill-fondi tal-UE – billi jiġu definiti forom, metodi u regoli ta' finanzjament li jistgħu jiżguraw li joħorġu l-aqwa vantaġġ bl-attirar ta' investiment pubbliku u privat għal proġetti li għandhom dimensjoni Ewropea u tas-Suq Uniku, b'mod partikolari fuq netwerks ta' prijorità li għandhom jiġu implimentati sal-2020 u fejn il-valur miżjud Ewropew hu l-aktar ġustifikat fosthom, skont il-każ, dawk li jistgħu jsiru f'pajjiżi terzi;
- 2) Li tiġi ffaċilitata t-tlestija f'ħinha ta' proġetti kofinanzjati mill-UE – billi jiġu definiti mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni li jippremjaw lil min jaġhti riżultati u jippenalizzaw l-użu mhux effettiv tal-fondi tal-UE.

Fl-istess waqt, il-valutazzjoni tal-politiki alternattivi kellha tieħu kont ta' żewġ miri pilastri relatati ma' xulxin f'dik li hi politika tal-Unjoni: min-naħa, li jseħħu l-objettivi tal-politika speċifika għal kull settur fil-qasam tal-infrastruttura kif definiti fl-Artikoli 170 u 171 tat-TFUE, u min-naħa l-oħra, li jiġu simplifikati r-regoli ta' finanzjament tal-UE billi jintużaw bl-aqwa mod is-sinerġiji fi ħdan u bejn is-setturi, li l-Kummissjoni impenjat ruħha bis-sħiħ li tilhaqom<sup>6</sup>. Peress illi dawn iż-żewġ miri ta' politika mhumieq madankollu kumpatibbli sa barra bejniethom, kien prinċipju ewlieni li mxew fuqu fil-valutazzjoni tal-alternattivi li

---

<sup>5</sup> COM(2011)500

<sup>6</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-Reviżjoni tal-Baġit (COM(2010) 700), fuq Regolamentazzjoni Intelliġenti (COM(2010) 543), u fuq Baġit għall-Ewropa 2020 (KUMM(2011) 500).

jiddefinixxu r-regoli operattivi tas-CEF li jinstab bilanċ addattat bejn il-koerenza mal-objettivi tal-politika għas-settur u l-ilħiq tal-akbar sinerġiji.

Għall-bidu ġew ikkunsidrati disa' politiki alternattivi ewlenin, bil-punt tat-tluq ikun il-prinċipju ċentrali li jiġġustifika d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi t-twaqqif tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-qafas eżistenti ta' finanzjament tal-UE billi tibbaża fuq sinerġiji settorjali. Il-politiki alternattivi ġew iffurmati billi tlaqqgħu flimkien xenarji li jikkorrispondu mat-tliet alternattivi bażiċi li jeżistu għas-simplifikazzjoni tar-regoli finanzjarji – armonizzazzjoni minima, massima u varjabbli (jew "à la carte") tar-regoli settorjali – fiż-żewġ oqsma tal-politika ta' intervent li jikkorrispondu maż-żewġ objettivi ewlenin speċifiċi identifikati aktar kmieni – ingranaġġ għall-investment u implimentazzjoni tal-programmi.

Il-firxa ta' alternattivi għalhekk kienet tmur minn estrem għal ieħor. F'tarf minnhom, armonizzazzjoni minima sew fl-ingranaġġ għall-investment kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' programmi kienet tirreferi għal sitwazzjoni fejn jiġu stabbiliti regoli u strutturi kompletament distinti u speċifiċi biex jingħata l-appoġġ finanzjarju mill-UE taħt is-CEF f'kull settur. Fit-tarf l-ieħor kien hemm il-politika alternattiva kkaratterizzata minn armonizzazzjoni massima sew fl-ingranaġġ għall-investment kif ukoll fir-regoli tal-implimentazzjoni ta' programmi, f'xenarju fejn it-tliet setturi kien ser ikollhom regoli finanzjarji u strutturi ta' ġestjoni ta' programmi kompletament komuni għall-użu ta' fondi taħt is-CEF. Bejn dawn l-estrematijiet, l-alternattivi li kien fadal kienu jipprevedu sitwazzjonijiet fejn is-setturi kien ikollhom ċertu regoli u strutturi komuni bejniethom filwaqt li oħrajn jibqgħu għalihom u jkunu speċifiċi għas-settur, jiġifieri li jkun hemm taħlita ta' armonizzazzjoni massima jew varjabbli tar-regoli f'qasam wieħed partikolari tal-politika ta' intervent flimkien ma' armonizzazzjoni varjabbli jew minima tar-regoli settorjali fil-qasam l-ieħor.

Il-valutazzjoni tal-impatti ta' dawn il-politiki alternattivi, ikkunsidrati fid-dawl tal-objettivi msemmija aktar kmieni li jridu jintlaħqu, wasslet għall-konklużjoni li tnejn mill-alternattivi kkunsidrati setgħu jiżguraw l-aktar illi s-CEF, permezz tar-regoli operattivi tagħha, tkun tappoġġja l-iżvilupp b'pass aktar imgħaġġel ta' infrastruttura b'interess għall-UE:

- Il-politika alternattiva li fiha l-armonizzazzjoni tar-regoli tkun waħda varjabbli – jiġifieri, b'għadd ta' regoli komuni u oħrajn li jibqgħu speċifiċi għas-settur – kemm fil-qasam tal-ingranaġġ għall-investment u f'dak tal-implimentazzjoni ta' programmi – tkun l-aqwa alternattiva mil-lat ta' koerenza mal-miri ta' politiki rilevanti kollha tal-UE;

- Sadattant l-politika alternattiva li fiha l-għażla taqa' fuq armonizzazzjoni varjabbli fil-livell tar-regoli dwar l-ingranaġġ għall-investment flimkien ma' armonizzazzjoni massima tar-regoli fil-livell tal-implimentazzjoni ta' programmi, setgħet tkun aktar effikaċi mil-lat ta' kemm tiġi tiswa.

Madankollu, it-tieni alternattiva jista' jkollha impatt negattiv maż-żmien f'dak li hu kapacià ta' reazzjoni għal sitwazzjonijiet speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' programmazzjoni ta' fondi u li, maż-żmien, jista' iġġib fix-xejn kwalunkwe spiża li setgħet ġiet iffrankata fil-bidu. Għalhekk ġie eventwalment konkluż illi l-aħjar alternattiva biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi tas-CEF kienet li jkun hemm ċertu livell ta' flessibilità settorjali anke fid-definizzjoni tar-regoli tas-CEF fil-qasam ta' implimentazzjoni ta' programmi.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' fondi taħt is-CEF imressqa f'dawn ir-Regolamenti preżenti ġew imfassla abbażi tal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet li spikkaw fil-valutazzjoni tal-impatt imsemmija hawn fuq.

### 2.3 Valur Miżjud tas-CEF għall-UE

Il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kif ukoll l-analiżi li saret fil-valutazzjoni tal-impatt urew li l-valur miżjud tas-CEF bħala qafas komuni ta' finanzjament jaqa' taħt erba' punti:

- (1) Qafas komuni li għandu jwassal għas-simplifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE għall-finanzjament ta' infrastrutturi b'konnessjoni mat-TEN. Dan ikun jiżgura wkoll approċċ koerenti fil-finanzjament mill-UE ta' proġetti fit-tliet setturi.
- (2) Fl-istess waqt, il-fatt illi l-UE jkollha fond u qafas finanzjarju wieħed għall-infrastruttura għandu jipprovdi approċċ koerenti u trasparenti għall-għoti ta' fondi mill-UE li jkun joffri ċertezza u b'hekk ikollu potenzjal kbir li jiġbed aktar finanzjament mis-settur privat. L-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu disponibbli b'mod ċentralizzat u koordinat, biex b'hekk tiddakkar u titjeb l-effikaċja mir-rabta bejn l-investituri privati u l-istituzzjonijiet finanzjarji msieħba.
- (3) Barra minn hekk, l-interdipendenza li kull ma jmur dejjem tiżdied bejn proġetti, networks u setturi ekonomiċi ta' infrastruttura, għandha tippermetti li jsiru realtà ekonomiji fuq skala kbira. Qafas integrat ta' finanzjament mill-UE għall-infrastruttura jista' jippermetti li jiġu sfruttati sinerġiji bejn settur u ieħor fil-livell ta' żvilupp u implimentazzjoni ta' proġetti, u dan jippermetti tnaqqis fl-ispejjeż u/jew użu iktar effiċjenti u rendiment6 akbar.
- (4) Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, qafas komuni jibni fuq it-tagħlimiet meħuda u l-qsim tal-aqwa Prattiki mis-setturi kollha, u allura jippermetti titjeb fl-effikaċja u l-effiċjenza tal-finanzjament mill-UE fis-setturi kollha.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

In-networks Trans-Ewropej jaqgħu taħt l-Artikolu 170 tat-TFUE, li jispeċifika: "l-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u żviluppjati networks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija." Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-finanzjament tal-infrastruttura huwa stabbilit fl-Artikolu 171 li jipprovdi li l-Unjoni "tista' tappoġġa proġetti ta' interess komuni li jingħataw sostenn mill-Istati Membri, (...) partikolarment permezz ta' studji ta' possibbiltà, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati tal-interessi". L-Artikolu 172 tat-TFUE jispeċifika li "il-linji gwida u l-miżuri l-oħra previsti fl-Artikolu 171(1) għandhom jiġu addottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni."

Fil-Komunikazzjoni tar-Reviżjoni tal-Baġit, il-Kummissjoni saħqet fuq l-importanza li jintuża l-baġit tal-UE sabiex "jimtlew nuqqasijiet li jkun hemm minħabba d-dinamika tat-tiswir tal-politika nazzjonali, u l-aktar ovvjw huwa l-indirizzar tal-isfidi transkonfinali fl-oqsma bħall-infrastruttura, il-mobbiltà, il-koeżjoni territorjali... - nuqqasijiet li altrimenti jaġhmlu ħsara lill-

interessi tal-UE kollha kemm hi."<sup>7</sup> L-Istati Membri għandhom it-tendenza li jagħtu prijorità lil proġetti ta' rilevanza primarja nazzjonali huma u jippjanaw u jiffinanzjaw infrastrutturi, u dawn mhux bilfors ikunu l-istess bħal ta' proġetti transkonfinali li għandhom valur miżjud oġġla għaċ-ċittadini fuq livell tal-UE b'mod ġenerali.<sup>8</sup> In-nefqa aggregata tal-UE u tal-Istati Membri għandha tkun waħda effiċjenti, li tiżgura skala adegwata ta' investment u tħeġġeġ is-sinerġiji.

L-istrument leġiżlattiv u t-tip ta' miżura (jiġifieri l-għoti ta' fondi), it-tnejn huma definiti fit-TFUE, li jipprovdli l-bażi legali għas-CEF, u jistipula illi l-kompiti, l-oġġettivi prijoritarji u l-organizzazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej jistgħu jiġu definiti f'regolamenti.

#### 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju Multiannwali li jmiss tinkludi proposta għal EUR 50 biljun<sup>9</sup> għall-perjodu 2014-2020, li minnhom, EUR 10 biljun huma assenjati fil-Fond ta' Koeżjoni għall-infrastruttura tat-trasport.

CEF	EUR 40 biljun
• Enerġija	EUR 9.1 biljun
• Trasport	EUR 21.7 biljun
• Telekomunikazzjoni/Diġitali	EUR 9.2 biljun
Ammonti assenjati fil-Fond ta' Koeżjoni għal infrastrutturi fit-trasport	EUR 10 biljun
Total	EUR 50 biljun

L-esperjenza bil-qafas finanzjarju attwali turi li ħafna Stati Membri, li huma eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, għandhom diffikultajiet biex ifasslu u jimplimentaw proġetti kumplessi ta' infrastruttura għat-trasport transkonfinali. Għalhekk, għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li filwaqt illi l-Fond ta' Koeżjoni jkompli jsostni lill-Istati Membri li għandhom DNG (Dħul Nazzjonali Gross) għal kull abitant taħt id-90 % tal-medja tal-UE27 għall-ħolqien ta' investimenti f'netwerks trans-Ewropej tat-Trasport u fl-ambjent, parti mill-allokkazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (EUR 10 biljun) sejra tintuża taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport fuq in-netwerk ewlieni tat-trasport fl-Istati Membri li huma eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

<sup>7</sup> COM(2010)700, p. 5.

<sup>8</sup> Ara r-Rapporti tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Linji Gwida riveduti tat-TEN-T, SEC(2011)xxx, tal-Linji Gwida riveduti tat-TEN-E, SEC (2011) xxx u tal-Linji Gwida tal-e-TEN, SEC (2011) xxx.

<sup>9</sup> Iċ-ċifri kollha fil-prezzijiet kostanti tal-2011. L-ammonti korrispondenti, imniżżla fil-prezzijiet attwali jistgħu jinstabu fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.



## 5. SOMMARJU TA' X'FIH IR-REGOLAMENT

### 5.1 Qafas uniku għall-investiment fi prioritajiet infrastrutturali tal-UE

L-esperjenza l-imgħoddija tal-iffinanzjar għall-infrastruttura permezz tal-oqfsa TEN, l-EERP u l-Fondi ta' Koeżjoni u Strutturali wriet illi l-UE tista' tagħti valur miżjud lill-infrastrutturi. Jeżisti qbil fost il-partijiet interessati li f'xenarju ta' "kollox jibqa' għaddej bħas-soltu", l-Eworpa taf ma jirnexxilhiex tiġbor fil-ħin l-investimenti meħtieġa sabiex timmodernizza n-netwerks tagħha tal-infrastruttura u timla l-vojt fil-kollegamenti.

B'riżultat tal-kriżi finanzjarja, il-baġits pubbliċi tal-Istati Membri qeġhdin ibatu biex ikampaw minħabba l-konsolidazzjoni fiskali li trid issir. In-nefqa kapitali ħafna drabi tqaċċtet b'ammonti sostanzjali, bin-nefqa għall-proġetti ta' investimenti fl-infrastruttura miżmuma jew imwaħħra. Fl-istess waqt, il-prospetti li jiżdedu l-investimenti minn sorsi privati mhumiex żguri. Minbarra l-limitazzjonijiet fuq il-finanzjament, intoppi regolatorji wkoll jixħtu lura jew ixekklu l-implimentazzjoni tal-proġetti meħtieġa tal-infrastruttura. Fuq dan l-isfond, il-qafas attwali tal-UE għall-iffinanzjar tal-infrastruttura jidher li mhux biżżejjed biex joffri reazzjoni effettiva. Il-finanzjament huwa mferrex fuq wisq programmi u ma jħallix li jiġu sfruttati b'mod sħiħ is-sinerġiji ta' bejn il-programmi u s-setturi.

Hija u tfassal mill-ġdid l-istrateġija tagħha ta' finanzjament għall-infrastruttura, il-Kummissjoni mxiet fuq l-oġettivi li ġejjin:

- Li tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha u li toffri valur għall-flus tal-infrastruttura tan-netwerk prinċipali ta' prijorità fis-setturi tal-enerġija, it-trasport u l-ICT, kif identifikati fil-Pakkett dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija, il-White Paper għal Trasport Kompetittiv u Sostenibbli<sup>10</sup> u l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.
- Li toħroġ kemm tista' sinerġiji bejn il-programmi tal-enerġija, tat-trasport u tal-ICT, sabiex il-finanzjament jirreaġixxi għal strateġija koerenti ta' politika u l-proġetti jintgħażli skont kriterji ċari li jkunu armonizzati.
- Li tikber il-kapaċità li bil-fondi tal-UE jagħtu ingranaġġ għal fondi pubbliċi jew privati oħra sabiex il-volum globali tar-riżorsi miġbura jkun biżżejjed biex jintlaħqu l-bżonnijiet previsti ta' investimenti sal-2020;
- Li tiġi żgurata l-aqwa għażla tal-proġetti, bis-segwitu u l-monitoraġġ tagħhom sabiex il-finanzjament tal-UE jkun immirat tajjeb, iħalli l-akbar impatt u jintefaq bl-aktar mod effettiv.

Ir-raġuni li tiġġustifika bażi leġiżlattiva komuni għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja fi tliet setturi distinti b'qafas politiku differenti, hija l-opportunità li jiġu sfruttati sinerġiji mis-setturi kollha, li jirriżultaw minn kwistjonijiet komuni b'rabta mal-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-oġettivi ta' politika li huma differenti iżda xorta waħda importanti. Il-valur miżjud bis-saħħa ta' qafas komuni jista' jinqasam fi tlieta.

---

<sup>10</sup> COM(2011)144

Qafas komuni għandu jirriżulta f' simplifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE għal dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament għall-infrastrutturi tat-TEN. Dan għandu jiżgura wkoll approċċ koerenti għall-finanzjamenti ta' proġetti mill-UE fost it-tliet setturi. Kif ġie misħuq qabel, il-qafas finanzjarju infrastrutturali tal-UE huwa kemmxejn kumpless bħalissa, minħabba prinċipalment l-għadd u l-eteroġeneità tat-testi legali eżistenti tal-UE. Is-simplifikazzjoni tar-regoli hija waħda mill-kelmiet ewlenin fl-approċċ il-ġdid propost mill-Kummissjoni fir-rigward tal-infiq baġitarju tal-UE.

Fl-istess waqt, qafas u fond finanzjarju wieħed tal-UE għall-infrastrutturi għandu joffri approċċ koerenti u trasparenti għall-finanzjament mill-UE li jkun joffri ċertezza u għalhekk ikollu potenzjal għoli li jattira iktar finanzjament mis-settur privat. Strumenti finanzjarji għandhom ikunu disponibbli b' mod ċentralizzat u koordinat, b'tali mod li jattiraw u jtejbu l-effikaċja tar-relazzjoni mal-investituri privati u mal-istituzzjonijiet finanzjarji msieħba.

Barra minn hekk, l-interdipendenza li kull ma jmur qiegħda dejjem tiżdied bejn proġetti, networks u setturi ekonomiċi ta' infrastruttura, għandha tippermetti l-gwadann ta' benefiċċji bħala riżultat tal-operat fuq skala kbira. Qafas integrat ta' finanzjament mill-UE għall-infrastruttura għandu jippermetti li jiġu sfruttati sinerġiji bejn settur u ieħor fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' proġetti, u dan jippermetti ffrankar fl-ispejjeż u/jew użu iktar effiċjenti u rendiment akbar.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, qafas komuni għandu jippermetti li t-tagħlimiet li jittieħdu u l-aqwa Prattiki jinqas bejn is-setturi kollha, u dan iwassal għal effikaċja u effiċjenza mtejba tal-finanzjamenti tal-UE fis-setturi kollha.

## 5.2 Miżuri ta' simplifikazzjoni u koerenza ma' regoli eżistenti

Is-simplifikazzjoni tar-regoli hija waħda mill-kelmiet ewlenin fl-approċċ il-ġdid propost mill-Kummissjoni fir-rigward tal-infiq baġitarju tal-UE. Il-qafas komuni tas-CEF iwassal għal simplifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE għal dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-infrastrutturi tat-TEN. Jipprovdi test legali uniku li jkopri l-finanzjament mill-UE ta' proġetti fin-networks tat-Trasport, tal-Enerġija u dawk Diġitali.

Għalkemm is-setturi huma differenti mil-lat teknoloġiku/finanzjarju/regolatorju— hemm għadd biżżejjed ta' aspetti komuni bejniethom sabiex jiġi propost titjib reali fir-rigward tal-istrumenti differenti eżistenti. Fl-istess ħin, il-proposta tistipula regoli speċifiċi li hemm bżonn li jinżammu sabiex jintlaħaq l-għan ewleni tas-CEF: li jitħaffef il-pass u jiġi mmirat aħjar il-fluss ta' flus pubbliċi tal-UE lejn proġetti importanti ta' infrastruttura b'interess għall-UE.

It-test attwali jintroduċi simplifikazzjoni, billi jindirizza b' mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- L-allinjament ta' indikaturi tal-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020
- Il-flessibilità fl-allokkazzjonijiet baġitarji
- Amministrazzjoni ċentralizzata għat-tliet setturi, possibbilment permezz ta' implimentazzjoni li ssir minn aġenzija eżekuttiva.
- Strumenti komuni ta' finanzjament

- Kriterji komuni ta' aġġudikazzjoni
- Kundizzjonijiet komuni għall-għajnuna finanzjarja
- Viżibilità f'post wieħed permezz ta' programmi komuni ta' ħidma annwal – importanti għas-settur – u kumitat komuni – importanti għall-Istati Membri

Barra minn hekk, ġiet żgurata koerenza sħiħa mar-Regolament Finanzjarju attwali u dak ġejjieni. L-eċċezzjonijiet previsti, huma jew permessi kif dovut f'testi legali relatati jew jeżistu fi preċedenti.

### 5.3 Aċċent aktar qawwi fuq strumenti finanzjarji

Is-CEF se tikkumplimenta l-għajnuna diretta mogħtija mill-UE bi strumenti finanzjarji sabiex l-impatt tal-finanzjament ikun l-aqwa wieħed possibbli. Bis-saħħa tal-fatt illi l-effetti tal-istrumenti finanzjarji jimmultiplikaw irwieħhom b'rata għolja (li, per eżempju, jistgħu jitolgħu sa 1:15 jew 1:20), l-aċċess għall-kapital għall-bżonnijiet sostanzjali ta' investment ser jiġi ffaċilitat. Flimkien ma' assorbiment b'suċċess tal-għajnuna diretta mill-UE (kif seħħ fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru tal-Enerġija (EERP) u fil-programm TEN-T), il-dipendenza akbar fuq strumenti finanzjarji ser tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tar-riskji għall-promoturi ta' proġetti u għalhekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proġetti b'interess komuni.

Barra minn hekk, l-iskop hu li jinbena ambjent li jiffaċilita l-ħruġ ta' investment privat u li jiġu żviluppati l-istrumenti li jservu ta' vetturi attraenti għall-investituri speċjalizzati fl-infrastruttura. Sabiex ikunu l-aktar effettivi, dawn il-vetturi għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu r-riskju billi jiddiversifikaw il-portafoll tal-proġetti potenzjali. Id-diversifikazzjoni massima tista' tintlaħaq billi jiġu mmirati bosta setturi f'firxa wiesgħa ta' pajjiżi. Dan jista' jseħħ bl-akbar suċċess fuq livell Ewropew u abbażi ta' kurituri definiti sewwa u oqsma mmirati ta' investment. Għalhekk, il-parti kbira tal-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu komuni għas-setturi kollha. Madankollu, mhux eskluż illi jiġu żviluppati xi strumenti finanzjarji sabiex ikopru l-bżonnijiet speċjali ta' xi settur speċifiku.

Fuq il-bażi tal-analiżi mwettqa fil-fażi ta' thejjiġa ta' dan ir-Regolament, is-servizzi tal-Kummissjoni jikkalkulaw illi filwaqt l-appoġġ finanzjarju għall-broadband għandu jiddependi prinċipalment fuq strumenti finanzjarji, għat-trasport u l-enerġija l-volum ta' riżorsi baġitarji mill-UE meħtieġa għall-istrumenti finanzjarji ma għandux jaqbeż EUR 2 biljun u EUR 1 biljun rispettivament. Dawn l-istimi ma għandhomx jittieħdu bħala limiti massimi vinkolanti, minħabba illi l-volum ta' finanzjament mill-UE allokat għall-istrumenti finanzjarji ser jiġi aġġustat kull sena fuq il-bażi ta' valutazzjoni dwar kif ikunu qed jitwettqu l-pjanijiet tal-proġett minn intermedjarji finanzjarji (per eżempju, mill-BEI fil-każ ta' bonds maħruġa għall-proġetti).

### 5.4 Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ser tkun element bżonnjuż għall-aġenda ta' tkabbir li għandha l-UE ffukata fuq iż-żieda tal-potenzjal ta' tkabbir fit-tul tal-UE. Il-Faċilità ser tiġi

kkoordinata mal-interventi l-oħra ġejjin mill-baġit tal-UE bħal per eżempju "Orizzont 2020" u l-Fond ta' Koeżjoni u dak Strutturali.

Fir-rigward tal-koordinazzjoni ma' Orizzont 2020, hemm bżonn li jiġu żgurati l-komplementarjetajiet filwaqt li jiġi evitat ċertu rduppar li jista' jkun hemm. Huwa wkoll importanti illi l-koordinazzjoni bejn is-CEF u Orizzont 2020 tiżgura illi l-katina ta' riċerka u innovazzjoni li twassal għall-utilizzazzjoni fl-infrastruttura ma tinkisirx. Dan hu partikolarment essenzjali fi żmien meta avvanzi teknoloġiċi sinifikanti fi t-trasport, l-enerġija u l-ICT ser ikunu meħtieġa sabiex jgħinu lill-UE tilħaq il-miri ambizzjużi tagħha tal-Istrateġija Ewropa 2020. Kwalunkwe appoġġ lill-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jinġhata permezz ta' strumenti finanzjarji ser jiġi implimentat permezz ta' strumenti finanzjarji marbuta ma' Orizzont 2020.

Fir-rigward tar-rabta mal-Fondi ta' Koeżjoni u mal-Fond Strutturali, il-Qafas Strateġiku Komuni tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll il-Kuntratti ta' Sħubija mal-Istati Membri ser jiġu kkoordinati mill-qrib mal-oqfsa ta' politika fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Il-linji gwida rispettivi ser jibbażaw fuq il-Fond ta' Koeżjoni u dak Strutturali sabiex isiru l-infrastrutturi lokali u reġjonali u s-sensil tagħhom mal-infrastrutturi ta' prijorità tal-UE, u b'hekk jikkollegaw liċ-ċittadini kollha madwar l-UE.

Barra minn hekk, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ser tkun faċilità ġestita ċentralment, u tibbenefika minn ammonti assenjati għat-trasport mill-Fond ta' Koeżjoni (EUR 10 biljun bil-prezzijiet tal-2011). Fl-allokkazzjoni tal-EUR 10 biljun, ser tingħata l-oġhla prijorità possibbli lill-proġetti li jirrispettaw l-allokkazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni. Barra minn hekk dawn l-EUR 10 biljun ser ikunu riżervati għall-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, u r-rati ta' kofinanzjament mill-baġit tal-Unjoni ser jiġu stabbiliti b'mod li jkunu l-istess bħal dawk mill-Fond ta' Koeżjoni.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>11</sup>,

Wara li bagħtu l-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>12</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>13</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-ħolqien tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandu joħroġ kemm jista' jkun l-potenzjal għat-  
tkabbir permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-politiki tat-trasport, l-enerġija u t-  
telekomunikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, biex b'hekk tissaħħaħ l-effiċjenza tal-  
intervent tal-Unjoni.
- (2) Suq uniku li jaħdem b'mod sħiħ jiddependi fuq infrastruttura moderna u bi prestazzjoni tajba  
ħafna li tgħaqqad l-Ewropa partikolarment fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-  
telekomunikazzjoni. Dawn il-kollegamenti li jżidu t-tkabbir għandhom jipprovdu aċċess aħjar  
għas-suq intern u bħala riżultat, jikkontribwixxu għal ekonomija tas-suq aktar kompetittiva  
skont l-oġettivi u l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020<sup>14</sup>.
- (3) Il-ħolqien tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandu l-għan li jżid il-pass tal-investimenti fil-  
qasam tan-netwerks trans-Ewropej u jingrana finanzjament kemm mis-settur pubbliku u kemm  
minn dak privat.

---

<sup>11</sup> ĠU C , , p. .

<sup>12</sup> ĠU C , , p. .

<sup>13</sup> ĠU C , , p. .

<sup>14</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", 26.8.2010, COM(2010)245 finali/2.

- (4) Il-ħolqien ta' netwerks infrastrutturali effiċjenti tat-trasport u tal-enerġija huwa wieħed mit-tnax-il azzjoni ewlenija identifikati mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni li ħarġet fuq l-Att dwar is-Suq Uniku<sup>15</sup>.
- (5) Il-Kummissjoni impenjat ruħha li ddaħħal it-tibdil fil-klima f'kull programm ta' nfiq tal-Unjoni u li tiddedika tal-anqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni għal objettivi marbutin mal-klima. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-mitigazzjoni tal-tibdil fil-klima u l-addattament għalih, kif ukoll il-prevenzjoni tar-riskji u l-amministrazzjoni tagħhom jitmexxew 'il quddiem fit-tnejn, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. L-investimenti infrastrutturali koperti minn dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu biex titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li tiffaħ għall-klima u d-diżastri.
- (6) Il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali ("MFF") ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva" saħaq fuq l-importanza li niżguraw implimentazzjoni rapida tal-Aġenda Diġitali tal-Unjoni and li jissoktaw l-isforzi intiżi sabiex jintlaħqu sal-2020 il-miri li l-aċċess għall-internet b'veloċità għolja jkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, anke fir-reġjuni anqas żviluppata<sup>16</sup>. Il-Parlament saħaq ukoll illi l-investment f'infrastruttura effettiva tat-trasport kellu rwol ewlieni biex l-Ewropa tiddefendi il-kompetittività tagħha u twitti t-triq għal tkabbir ekonomiku fit-tul għall-perjodu ta' wara l-kriżi u li n-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport ("TEN-T") kien vitali sabiex jiġi garantit it-tħaddim kif suppost tas-suq intern u jingħata valur miżjud importanti tal-Unjoni. Il-Parlament stqarr illi jemmen bis-sħiħ illi t-TEN-T għandu, skont dan, ikun ta' prijorità ewlenija fl-MFF li jmiss u li hemm bżonn żieda fil-fondi għat-TEN-T fl-MFF li jmiss. Barra minnhekk, il-Parlament saħaq fuq il-ħtieġa li jinħareġ kemm jista' l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni u l-opportunità mogħtija permezz tal-Fond ta' Koeżjoni u dak Strutturali u l-istrumenti finanzjarji biex jiġu ffinanzjati proġetti nazzjonali u transkonfinali ewlenin ta' infrastruttura prijoritarja għall-enerġija fl-Ewropa u saħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm allokkazzjoni sostanzjali mill-baġit tal-Unjoni għal strumenti finanzjarji f'dan il-qasam.
- (7) Fit-28 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni addottat White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika tat-Trasport – Lejn sistema ta' trasport kompetittiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi"<sup>17</sup>. Il-White Paper għandha l-għan li tnaqqas b'tal-anqas 60 % l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ("GHG") mis-settur tat-trasport sal-2050 meta mqabbel mal-1990. Għal dak li għandu x'jaqşam ma' infrastruttura, il-White Paper għandha l-għan li tistabbilixxi 'network ewlieni' multimodali tat-TEN-T mifrux mal-Unjoni kollha kemm hi li jkun qed jaħdem b'mod sħiħ sal-2030. Il-White Paper għandha l-għan ukoll li ttejjeb kemm jista' jkun il-prestazzjoni ta' ktajjen loġistiċi multimodali, billi wkoll tagħmel użu ikbar minn mezzi li huma aktar effiċjenti mil-lat ta' enerġija. Għalhekk, qiegħda tistabbilixxi dawn il-miri rilevanti għall-politika tat-TEN-T: 30 % tal-ġarr ta' merkanzija fit-toroq fuq distanza li taqbeż it-300 km għandu jaqleb għal mezzi oħra tat-trasport sal-2030, u aktar minn 50 % sal-2050; it-tul tan-network eżistenti tal-linji ta' ferroviji b'veloċità qawwija għandu jżieded bi tliet darbiet sal-2030, u sal-2050 il-maġġoranza tal-passiġġieri li jivjaġġaw fuq distanza medja għandhom jużaw il-ferrovija; sal-2050, kull

<sup>15</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-Att dwar is-Suq Uniku Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u rrinforzar tal-fiduċja "Flimkien għal tkabbir ġdid", 13.4.2011, COM(2011) 206 finali.

<sup>16</sup> Reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2010/2211(IN1)

<sup>17</sup> Pjan Direzzjonali għal Żona Unika tat-Trasport (COM(2011) 144).

ajruport b'network ewlieni għandu jkun ikkollegat man-network tal-ferroviji; kull port tat-tbaħħir ma' networks ta' ferroviji li jgħorru l-merkanzija, u fejn hu possibbli mas-sistema ta' passaġġi tal-ilma 'l għewwa fuq l-art.

- (8) Il-Parlament Ewropew fir-Reżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar futur sostenibbli għat-trasport<sup>18</sup> saħaq li politika effiċjenti tat-trasport tirrikjedi qafas finanzjarju li jkun addattat għall-isfidi li jinħolqu u li, għal dan il-għan, ir-riżorsi attwali għat-trasport u l-mobbiltà għandhom jiżdiedu; barra minn hekk huwa qies meħtieġ ukoll il-ħolqien ta' faċilità li tikkoordina l-użu ta' sorsi differenti ta' finanzjament għat-trasport, fondi disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni, sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat ("PPPs" - sħubijiet pubbliċi-privati) jew strumenti finanzjarji oħra bħalma huma l-garanziji.
- (9) Il-Kunsill għat-Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (TTE), fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-politika riveduta tat-TEN-T<sup>19</sup> tenna l-ħtieġa li jkompli jsir investiment fl-infrastruttura tat-trasport, biex jiġi żgurat l-iżvilupp xieraq tat-TEN-T f'kull mezz tat-trasport, bħala bażi għas-suq intern u l-kompetittività, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni u l-kollegament tagħha ma' pajjiżi ġirien, filwaqt li wieħed jikkonċentra fuq il-valur miżjud Ewropew. Il-Kunsill saħaq fuq il-bżonn li l-Komunità tagħmel disponibbli r-riżorsi finanzjarji neċessarji sabiex jiġi stimulat l-investiment fil-proġetti TEN-T, u b'mod partikolari, l-bżonn ta' rikonċiljazzjoni ta' appoġġ finanzjarju biżżejjed mill-baġit tat-TEN-T mal-proġetti ta' prijorità li jinvolvu s-sezzjonijiet transkonfinali rilevanti u li l-implimentazzjoni tagħhom tibqa' sejra wara l-2013 fi ħdan il-limiti istituzzjonali tal-qafas finanzjarju tal-ipprogrammar. Fil-fehma tal-Kunsill, l-approċċi ta' sħubija pubbliku-privata għandhom jiġu żviluppatti u appoġġati aktar f'dan il-kuntest kif inhu xieraq.
- (10) Abbażi tal-oġġettivi stabbiliti fil-White Paper, il-linji gwida tat-TEN-T kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'...<sup>20</sup> jidentifikaw l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jispeċifikaw l-oġġettivi li għandhom jiġu milħuqa minnu u jipprovdu għal miżuri biex jiġu implimentati. Il-Linji Gwida jipprevedu b'mod partikolari t-tlestija tan-network ewlieni sal-2030.
- (11) Abbażi ta' analiżi tal-pjanijiet għall-infrastruttura tat-trasport tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tistma li l-investiment meħtieġ fit-trasport jammonta għal EUR 500 biljun għan-network tat-TEN-T kollu kemm hu għall-perjodu 2014-2020, li minnhom, EUR 250 biljun huma stmati li jridu jiġu investiti fin-network ewlieni tat-TEN-T. Fid-dawl tar-riżorsi disponibbli fuq il-livell tal-Unjoni, hemm bżonn ta' konċentrazzjoni l-aktar fuq il-proġetti bl-ogħla valur miżjud Ewropew biex jintlaħaq l-impatt mixtieq. Għalhekk l-appoġġ għandu jkun iffukat fuq in-network ewlieni (b'mod partikolari, il-kurituri tan-network ewlieni) u fuq proġetti ta' interess komuni fil-qasam tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku (b'mod partikolari s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru li jirriżultaw minn SESAR li jeħtieġu riżorsi baġitarji tal-Unjoni ta' madwar EUR 3 biljun).
- (12) Fi ħdan il-qafas tar-reviżjoni tal-politika tat-TEN-T immedija fi Frar 2009, inħoloq grupp ta' esperti apposta biex jgħin lill-Kummissjoni u biex jistudja l-kwistjoni tal-istrateġija tal-finanzjament u l-perspettivi ta' finanzjament għat-TEN-T. Il-Grupp ta' Esperti Nru 5 ibbaża fuq

<sup>18</sup> Reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2009/2096(INI)

<sup>19</sup> Dokument tal-Kunsill 10850/09

<sup>20</sup> ĠU L..., p. ....

l-esperjenza ta' esperti esterni minn oqsma varji: maniġers tal-infrastruttura, dawk li jippjanaw l-infrastruttura, rappreżentanti nazzjonali, reġjonali u lokali, esperti ambjentali, akkademiċi u rappreżentanti tas-settur privat. Ir-rapport aħħari tal-Grupp ta' Esperti Nru 5<sup>21</sup> addottat f'Lulju 2010 fih 40-il rakkomandazzjoni, li wħud minnhom ġew ikkunsidrati f'din il-proposta.

- (13) L-esperjenza bil-qafas finanzjarju attwali turi li bosta Stati Membri, li huma eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet imdaqqa biex ilestu fil-ħin proġetti transkonfinali kumplessi ta' infrastruttura ta' trasport li għandhom valur miżjud għoli għall-Unjoni. Għalhekk, sabiex ikun hemm titjib fit-tlestija tal-proġetti tat-trasport, b'mod partikolari dawk transkonfinali b'valur miżjud għoli għall-Unjoni, parti mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (EUR 10 biljun<sup>22</sup>) għandha tiġi trasferita għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport fuq in-newtork ewlieni tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa Stati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu żviluppati sensiela adegwata ta' proġetti ħalli tingħata l-aqwa prijorità possibbli għall-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni..
- (14) Il-Komunikazzjoni dwar "Prijetajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara – Pjan dettaljat għal netwerk integrat tal-enerġija"<sup>23</sup>, il-Kummissjoni identifikat il-kurituri ta' prijorità li huma meħtieġa sabiex l-Unjoni tilħaq il-miri ambizjużi li għandha dwar l-enerġija u l-klima sal-2020 li tlesti s-suq intern tal-enerġija, tiżgura s-sigurtà tal-provvista, tippermetti l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tħejji n-netwerks għal aktar tindif mill-karbonju fis-sistema tal-enerġija lil hinn mill-2020.
- (15) Hemm bżonn ta' investimenti kbar sabiex tiġi modernizzata u mferrxa l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ewropa u sabiex jiġu interkollegati networks minn pajjiż għall-ieħor sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni li jkun hemm kompetittività, sostenibbiltà u sigurtà fil-provvista b'mod li l-benefiċċji jiġġustifikaw il-prezz. Il-ħtiġijiet stmati tal-investment fl-infrastruttura tal-enerġija sal-2020 jammontaw għal EUR 1 triljun, li minnhom madwar EUR 200 biljun huma għall-infrastrutturi meqjusa li huma ta' rilevanza Ewropea għat-twassil u l-ħżin ta' elettriku u gass. Għall-proġetti ta' rilevanza Ewropea, madwar EUR 100 biljun ta' investimenti huma f'riskju li ma jingħatawx minħabba ostakoli marbuta mal-ħruġ ta' permessi, regolamenti u finanzjamenti.
- (16) L-urġenza li tinbena l-infrastruttura tal-enerġija tal-ġejjieni u ż-żieda sinifikanti fil-volumi tal-investment meta mqabbla max-xejriet tal-passat titlob bidla fil-mod kif l-infrastruttura tal-enerġija tkun appoġġata fuq il-livell tal-UE. Fil-konklużjonijiet tiegħu<sup>24</sup> tat-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill għat-Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (TTE) approva l-kurituri tal-enerġija bħala prijorità għall-Ewropa.
- (17) Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011<sup>25</sup> talab lill-Kummissjoni sabiex tirrazzjonalizza u ttejjeb il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u sabiex tmexxi 'l quddiem qafas regolatorju attraenti għall-

---

<sup>21</sup> [http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/ten-t-policy/review/doc/expert-groups/expert\\_group\\_5\\_final\\_report.pdf](http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/ten-t-policy/review/doc/expert-groups/expert_group_5_final_report.pdf)

<sup>22</sup> Fi prezzijiet tal-2011.

<sup>23</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Prijetajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara – Pjan dettaljat għal netwerk tal-enerġija Ewropew integrat", 17.11.2010, COM(2010) 677 finali.

<sup>24</sup> Dokument tal-Kunsill 6950/11

<sup>25</sup> EUCO 2/1/11



investment. Il-Kunsill saħaq li l-biċċa l-kbira tal-investment ikollu jiġi mis-suq bl-ispejjeż irkuprati mit-tariffi. Il-Kunsill Ewropew għaraf li hemm bżonn ta' finanzjament pubbliku għal proġetti meħtieġa minn perspettiva ta' sigurtà tal-provvista jew solidarjetà, li ma jkunx irnexxielhom jiġbdu lejhom finanzjament ibbażat fuq is-suq.

- (18) Ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [Linji Gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija]<sup>26</sup> jiddefinixxi l-prijoritajiet infrastrutturali trans-Ewropej għall-enerġija, li jridu jiġu implimentati sal-2020 sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-enerġija u l-klima; jistabbilixxi regoli sabiex jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet, jintroduċi miżuri fil-qasam tal-ġħoti ta' permessi, l-involviment pubbliku u r-regolamentazzjoni biex titħaffef u/jew tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti, li jinkludu l-kriterji fuq l-eliġibbiltà ġenerali ta' tali proġetti għal għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni.
- (19) Il-mezzi ta' telekomunikazzjoni qegħdin kull ma jmur isiru dejjem aktar infrastrutturi bbażati fuq l-internet, b'interrelazzjoni mill-qrib bejn in-netwerks tal-broadband u daww tas-servizzi diġitali. L-internet qed isir il-pjattaforma dominanti għall-komunikazzjoni, l-ġħoti ta' servizzi, u l-prattiki tan-negozju. Għalhekk, id-disponibbiltà trans-Ewropea ta' aċċess veloċi għall-internet u servizzi diġitali hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u għas-Suq Uniku.
- (20) Netwerks moderni u li jkunu bbażati fuq il-fibra huma infrastruttura kruċjali għall-ġejjieni mil-lat ta' konnettività għall-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari għall-SMEs li jkunu jridu jużaw il-*cloud computing* (grilja li toffri servizzi komuni ta' softwer u riżorsi oħra komuni lil min ikun imqabba magħha) sabiex il-benefiċċji jiġġustifikaw dejjem aktar l-ispiża.
- (21) L-Istrateġija Ewropa 2020<sup>27</sup> issejjaħ għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>28</sup> li tistabbilixxi qafas legali stabbli biex jiġu stimulati investimenti f'infrastruttura miftuħa u kompetittiva tal-internet b'veloċità qawwija u f'servizzi relatati. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010 approva l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u talab lill-istituzzjonijiet kollha biex jimplimentawha kollha kemm hi.<sup>29</sup>
- (22) Fil-31 ta' Mejju 2010, il-Kunsill ikkonkluda li l-Ewropa għandha tpoġġi r-riżorsi meħtieġa ħalli jiġi żviluppat suq diġitali uniku, ibbażat fuq internet veloċi u ultraveloċi, u applikazzjonijiet interoperabbli u għaraf li investment effiċjenti u kompetittiv fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' netwerks tal-broadband għandu jkun importanti għall-innovazzjoni, għall-għażla li tingħata lill-konsumatur u għall-kompetittività tal-Unjoni u jkun jista' jipprovidi kwalità ta' ħajja aħjar permezz ta' kura tas-saħħa aħjar, trasport aktar sikur, opportunitajiet ġodda għall-mezzi tax-xandir u aċċess eħfef għall-prodotti u s-servizzi, b'mod partikolari minn pajjiż għall-ieħor.<sup>30</sup>

---

<sup>26</sup> ĠU L..., p. ....

<sup>27</sup> COM(2010) 2020 finali 03.03.2010.

<sup>28</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", 26.8.2010, COM(2010) 245 finali/2.

<sup>29</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fuq strateġija ġdida Ewropea għat-tkabbir u għall-impiegi – Iffinalizzar u implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, 17 ta' Ġunju 2010.

<sup>30</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Aġenda Diġitali għall-Ewropa – il-laqgħa Nru 3017 tal-Kunsill għat-Trasport, it-Telekomunikazzjoni u l-Enerġija fi Brussell, 31 ta' Mejju 2010.

- (23) L-inċentivi privati għal investiment f'networks tal-broadband veloċi ħafna jidhru li huma inqas mill-benefiċċji li tista' tiegħu s-soċjetà inġenerali. L-investiment meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Aġenda Diġitali li jkun ipprovdut aċċess tal-internet veloċi liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej kollha huwa stmat li jlaħħaq il-EUR 270 biljun. Madankollu, mingħajr intervent mill-Unjoni, l-investiment mis-settur privat huwa mistenni li mhux se jkun jaqbeż il-EUR 50 biljun għall-perjodu sal-2020. Id-diskrepanza fl-investiment li tirriżulta hija l-fattur ewlieni li jixħet lura t-tkomplija ta' bini ta' infrastruttura, meta fl-istess waqt is-Suq Uniku Diġitali jiddependi fuq il-fatt li ċ-ċittadini kollha jkunu kollegati permezz tal-infrastruttura tal-ġejjieni.
- (24) Huwa meħtieġ li jiġu żviluppati networks qawwija u koerenti mifruxa madwar l-UE għat-twassil permezz ta' mezzi diġitali ta' azzjonijiet li huma meħtieġa għall-ġid pubbliku, bis-sehem ta' atturi pubbliċi u mis-soċjetà ċivili fuq livell nazzjonali u reġjonali, u għal dan il-għan huwa importanti li jiġi żgurat il-finanzjament strutturat mill-UE tal-ispejjeż tat-tfassil tas-sistema u tas-softwer, kif ukoll iż-żamma ta' ċentru reżiljenti għal dawn in-networks, fejn ikunu biss l-ispejjeż li jsiru minn ġol-pajjiżi li jitħallew għall-baġits tal-operaturi nazzjonali.
- (25) Hemm bżonn ta' bosta metodi ta' implimentazzjoni u dawn jeħtieġu rati ta' finanzjament differenti sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-impatt tal-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni, sabiex jiġi mħeġġeġ investiment privat, u sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti speċifiċi ta' proġetti individwali.
- (26) Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni ċertu pjattaformi li joffru servizzi ewlenin u li jiżguraw l-interoperabbiltà trans-Ewropea ser jeħtieġu rata ogħla ta' finanzjament mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-fażi ta' meta jkunu għadhom qed jibdew, dan filwaqt li jiġi mħares il-prinċipju ta' kofinanzjament.
- (27) Biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fit-tħaddim ta' proġetti ta' infrastruttura li jkunu fuq skala kbira, b'mod partikolari fejn jidhru servizzi ewlenin, jista' jkun hemm il-bżonn li l-Kummissjoni, l-Istat Membru u/jew il-benefiċjarji tagħhom jakkwistaw u fl-istess waqt jinstallaw xi tagħmir. F'dawn il-każijiet, jista' jkun hemm bżonn li tiġi allokata għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni għal akkwisti li jkunu saru mill-fornituri tal-infrastruttura fl-Istati Membri, f'isimhom jew f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Hemm provvedimenti li jippermettu wkoll akkwisti minn sorsi differenti, li jista' jkun meħtieġ li jsir, fost oħrajn, biex jiġu provduti arranġamenti għal aktar minn lingwa waħda, biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u/jew biex jiġi mħaddem netwerk f'każ ta' superfluwenza, ħaġa li hija meħtieġa sabiex jiġi eliminat qtugħ fin-network tal-infrastruttura li jista' jkun ikkaġunat minn parti waħda waħedha li tieqaf taħdem.
- (28) Servizzi ġeneriċi f'oqsma ta' interess pubbliku (bħala servizzi ewlenin) jintlaqtu spiss minn sitwazzjonijiet fejn is-suq ma jaħdimx kif suppost. Tabilħaqq, l-oqsma li jridu jiġu ffinanzjati huma marbuta mal-ġhoti ta' servizzi pubbliċi (Saħħa elettronika, Identita elettronika, tħaddim fuq skala kbira u interoperabbiltà tas-sistema ta' Akkwisti elettroniċi) li minnhom infushom mhumiex kummerċjali meta jibdew. Barra minn hekk, jekk jiġu ffinanzjati biss servizzi ewlenin, l-isfida tkun li jinħolqu l-inċentivi t-tajba fuq il-livell tal-Istati Membri u dak tar-reġjuni sabiex jitħaddmu fil-fatt servizzi ta' interess pubbliku: dan hu partikolarment ikkaġunat min-nuqqas ta' inċentiv fuq il-livell nazzjonali sabiex is-sistemi nazzjonali jiġu kkollegati mas-sistemi ewlenin (u b'hekk jiġu żviluppati il-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà u għas-servizzi transkonfinali) kif ukoll mill-fatt illi l-investituri privati waħedhom mhux ser jiżguraw it-tħaddim tas-servizz fi ħdan oqfsa li jkunu interoperabbli.

- (29) Il-linji gwida diġitali kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'...<sup>31</sup> [linji gwida tal-INFOS] jidentifikaw il-proċessi u l-kriterji għall-finanzjament u kif ukoll il-bosta kategoriji għall-investimenti.
- (30) Orizzont 2020 – il-Programm Qafas ġejjieni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ser jiffoka fost oħrajn fuq kif jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (bħal pereżempju, trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat; enerġija nadifa, effiċjenti u fiż-żgur; kif ukoll servizzi tas-saħħa, governattivi u żvilupp sostenibbli mwassla permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni) sabiex jirreaġixxi direttament għall-isfidi identifikati fl-Istrateġija Ewropa 2020 permezz ta' attivitajiet ta' appoġġ li jkopru l-firxa sħiħa, mir-riċerka sas-suq. Orizzont 2020 ser jagħti appoġġ lill-istadji kollha fil-katina tal-innovazzjoni, b'mod partikolari attivitajiet li huma eqreb lejn is-suq, li jinkludu strumenti finanzjarji innovattivi. Bil-għan illi joħroġ impatt akbar mill-finanzjamenti tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata aktar koerenza, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ser tiżviluppa sinerġiji mill-qrib ma' Orizzont 2020.
- (31) L-Unjoni Ewropea u bosta Stati Membri huma msieħba mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltajiet, fiwaqt li l-Istati Membri li jifdal huma fil-proċess li jirretifikawha. Fl-implimentazzjoni tal-proġetti rilevanti huwa importanti li l-aċċessibbiltà ta' persuni b'diżabbiltajiet tiġi kkunsidrata fl-ispeċifikazzjoni tal-proġetti, kif imsemmi fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni.
- (32) L-istrumenti finanzjarji li għandhom jiġu implimentati skont dan ir-Regolament għandhom jirriflettu r-regoli pprovduti fit-Titolu VIII tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Ir-regolament finanzjarju ġdid] u l-Att Delegat u f'konformità mar-regoli tal-aqwa prattiki li japplikaw għal strumenti finanzjarji.<sup>32</sup>
- (33) Il-miżuri fiskali f'bosta Stati Membri ser iwasslu jew diġà wasslu lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jerġgħu jifflu l-programmi ta' investimenti infrastrutturali tagħhom. F'dan il-kuntest, il-PPPs tqiesu bħala mezzi effiċjenti għat-tweqqif ta' proġetti infrastrutturali li jiżguraw is-seħħ ta' objettivi tal-politiki bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; il-promozzjoni ta' sorsi alternattivi ta' enerġija, kif ukoll l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija, l-appoġġ għal trasport sostenibbli u l-użu ta' netwerks tal-broadband. Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni PPPs tad-19 ta' Novembru 2009<sup>33</sup>, impenjat ruħha li ttejjeb l-aċċess finanzjarju għall-PPPs billi twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti finanzjarji eżistenti.
- (34) Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-investimenti taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 jistgħu joħroġhom is-swieq u l-miżuri regolatorji, l-isfida tal-finanzjament teħtieġ interventi pubbliċi u għajnuma mill-Unjoni permezz ta' għotjiet ta' flus u strumenti finanzjarji innovattivi. Għandhom jintużaw strumenti finanzjarji sabiex jiġu indirizzati ċertu bżonnijiet speċifiċi tas-suq, skont l-objettivi tas-CEF, u ma għandhomx ma jħallux lok għall-finanzjament privat. Qabel ma tiddeċiedi li tuża strumenti finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet ex-ante ta' dawn l-istrumenti.

---

<sup>31</sup> ĠU L..., p. ....

<sup>32</sup> COM(2011)xxx, Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji

<sup>33</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni "Il-mobilizzazzjoni tal-investment privat u pubbliku għall-irkupru u tibdil strutturali fit-tul: l-iżvilupp tal-Partenarjati [Sħubijiet] Pubbliċi Privati", COM(2009) 615 finali.

- (35) Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE<sup>34</sup> saħqet illi r-regola għall-proġetti b'potenzjal kummerċjali fit-tul għandha tkun li jintużaw fondi tal-Unjoni bi sħubija mas-setturi finanzjarji u bankarji, b'mod partikolari l-Bank Ewropew għall-Investment ("BEI") u l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi tal-Istati Membri, iżda wkoll ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u s-settur finanzjarju privat.
- (36) Fl-Istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni wegħdet li timmobbilizza strumenti finanzjarji tal-Unjoni bħala parti minn strateġija ta' finanzjament konsistenti, li tgħaqqad flimkien finanzjament tal-Unjoni ma' dak pubbliku u privat għall-infrastrutturi. Dan huwa bbażat fuq ir-raġunament li f'haġfa każi, sitwazzjonijiet mhux mill-aqwa ta' investment u imperfezzjonijiet tas-suq jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti bis-saħħa ta' strumenti finanzjarji milli b'għotjiet ta' flus.
- (37) Il-Faċilità Nikkollelgaw l-Ewropa għandha tipproponi strumenti finanzjarji biex tteġġeg lill-investituri fis-settur privat u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipparteċipaw b'mod sostanzjali fl-investment tal-infrastruttura. Sabiex ikunu attraenti biżżejjed għas-settur privat, l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu mfassla u implimentati b'attenzjoni għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, iżda wkoll b'kunsiderazzjoni li jinżamm livell ta' flessibilità sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu b'mod flessibbli għall-bżonnijiet ta' finanzjamenti identifikati. It-tfassil ta' dawn l-istrumenti għandu jibbaża fuq l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013, bħall-istrument ta' Self Garantit għall-proġetti TEN-T (LGTT), il-Faċilità ta' Finanzjament b'Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) u l-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima, u l-Infrastruttura (il-"Fond Marguerite").
- (38) Filwaqt li l-parti l-kbira tal-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu komuni għas-setturi kollha, xi wħud minnhom jistgħu jkunu speċifiċi għal setturi individwali. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistmaw li filwaqt li l-appoġġ finanzjarju għall-broadband ikun prinċipalment jibbaża fuq strumenti finanzjarji, għat-trasport u l-enerġija, il-volum ta' riżorsi baġitarji tal-Unjoni meħtieġ għall-istrumenti finanzjarji ma għandux jaqbeż iż-EUR 2 biljun u l-EUR 1 biljun rispettivament.
- (39) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm diversifikazzjoni settorjali tal-benefiċjarji minn strumenti finanzjarji, kif ukoll sabiex titteġġeg diversifikazzjoni ġeografika b'mod gradwali ta' benefiċjarji mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni bi sħab mal-BEI, permezz ta' inizjattivi konġunti bħal pereżempju ċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Esperta fuq il-PPPs (EPEC-European PPP Expertise Centre) u Jaspers, għandha tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' sensiela ta' pjanijiet għal proġetti li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-finanzjament ta' proġetti.
- (40) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji, jista' jkun hemm bżonn li jiżiedu rekwiżiti oħra fil-Programmi ta' Ħidma, pereżempju sabiex jiġi żgurat swieq kompetittivi fid-dawl tal-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni, l-iżviluppi teknoloġiċi u fatturi oħra li jistgħu jsiru rilevanti.

---

<sup>34</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti Nazzjonali "Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", 19.10.2010, COM(2010) 700 finali.

- (41) Il-programmazzjoni multiannwali għall-appoġġ mill-Faċilità għandha tkun intiża biex tappoġġa il-prijoritajiet tal-Unjoni billi tiżgura li jkun hemm ir-riżorsi finanzjarji neċessarji u l-konsistenza u l-kontinwità fl-azzjoni konġunta li ssir mill-Unjoni u l-Istati Membri. Għal proposti mressqa wara l-implimentazzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma multiannwali fis-settur tat-trasport, l-eliġibbiltà tal-ispejjeż għandha tibda fl-1 ta' Jannar 2014 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' proġetti diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija<sup>35</sup>.
- (42) Minħabba l-baġit kbir meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' xi proġetti infrastrutturali, għandu jkun hemm il-possibbiltà li l-impenji baġitarji marbuta mal-assistenza finanzjarja għal ċerti azzjonijiet jiġu maqsuma fi ħlasijiet annwali bin-nifs.
- (43) Għandhom jitwettqu evalwazzjonijiet intermedjarji u retrospettivi mill-Kummissjoni sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja u l-effiċjenza tal-finanzjament u l-impatt tiegħu fuq il-miri ġenerali tal-prijoritajiet tal-Faċilità u tal-Istrateġija Ewropa 2020.
- (44) Fuq il-bażi tal-linji gwida speċifiċi għal kull settur stabbiliti f'Regolamenti separati, tfasslet lista ta' oqsma ta' prijorità li għalihom għandu japplika dan ir-Regolament u din għandha tkun inkluża fl-Anness. Sabiex jittieħed kont ta' xi bidliet li jista' jkun hemm fil-prijoritajiet politiki u l-kapaċitajiet teknoloġiċi, kif ukoll il-flussi tat-traffiku, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu addottati emendi fl-Anness. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet kif suppost waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, hija u tipprepara u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura illi d-dokumenti rilevanti jintbagħtu simultanament, fil-ħin u kif suppost lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-programmi ta' ħidma multiannwali u annwali. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>36</sup>.
- (46) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995<sup>37</sup> li jstabbilixxi regoli ġenerali għall-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom konsegwentement jiġu revokati.
- (47) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, sanzjonijiet.

<sup>35</sup> ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1.

<sup>36</sup> ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

<sup>37</sup> ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1.

- (48) Uħud mill-proġetti ta' infrastruttura ta' interess għall-Unjoni jistgħu jeħtieġu kollegament ma' u jgħaddu minn pajjiżi terzi ġirien, pajjiżi ta' qabel l-ażżjoni jew oħrajn. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha toffri mezzi ssimplifikati ta' kif dawn l-infrastrutturi għandhom jiġu kkollegati u ffinanzjati, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni.
- (49) Minħabba illi l-oġġettivi tal-ażżjoni li għandha tittieħed, u b'mod partikolari l-iżvilupp u finanzjament koordinant tan-netwerks trans-Ewropej, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-bżonn ta' koordinazzjoni ta' dawn l-oġġettivi, jintlaħqu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit ukoll f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jistax imur aktar 'il bogħod minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

## KAPITOLU I IL-FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA

### *Artikolu 1 Suġġett*

Dan ir-Regolament johlq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej sabiex tagħti appoġġ lil proġetti fil-qasam tal-infrastrutturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni.

### *Artikolu 2 Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "proġett ta' interess komuni " tfisser proġett identifikat fir-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [għandha titkompla meta jiġi addottat bid-data tal-addozzjoni u bl-ismijiet sħaħ] [Linji Gwida tat-TEN-T]<sup>38</sup>, ir-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [għandha titkompla meta jiġi addottat bid-data tal-addozzjoni u bl-ismijiet sħaħ] [Linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija]<sup>39</sup> jew ir-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFSO] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [għandha titkompla meta jiġi addottat bid-data tal-addozzjoni u bl-ismijiet sħaħ]<sup>40</sup>;
- (2) "sezzjoni transkonfinali" tfisser is-sezzjoni, li tiżgura il-kontinwità ta' proġett ta' interess komuni bejn tal-anqas żewġ Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż ġar;
- (3) "xogħlijiet" tfisser, skont kif ikun il-każ, ix-xiri, il-forniment u t-tħaddim ta' komponenti, sistemi u servizzi inkluż is-softwer, it-twertiq tal-iżvilupp u l-bini u l-attivitajiet ta' installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tnedija ta' proġett;
- (4) "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa għat-tnejn ta' implimentazzjoni tal-proġett, bħal studji preparatorji, tal-fattibilità, ta' evalwazzjoni, ta' ttestjar u ta' validazzjoni, anki fil-forma ta' softwer, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, li tinkludi azzjoni bil-quddiem sabiex jiġi definit u żviluppat proġett u sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħal sħarriġ dwar is-siti kkonċernati u l-preparazzjoni tal-pakkett finanzjarju;

---

<sup>38</sup> ĠUL ... , p. ....

<sup>39</sup> ĠUL ... , p. ....

<sup>40</sup> ĠUL ... , p. ....

- (5) "azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm" tfisser miżuri ta' akkumpanjament, neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-linji gwida individwali speċifiċi għas-settur, bħal servizzi (speċjalment ta' assistenza teknika), u kif ukoll attivitajiet preparatorji, ta' fattibbiltà, ta' koordinazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma direttament meħtieġa għall-ġestjoni ta' din il-Faċilità u s-seħħ tal-oġettivi tagħha, u b'mod partikolari l-istudji, il-laqgħat, l-informazzjoni, il-kartografija infrastrutturali, il-ġemellaġġi, it-tqassim ta' informazzjoni, l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni, l-ispejjeż marbutin man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien ma' kull spiża teknika u ta' assistenza amministrattiva oħra li tista' tkun meħtieġa għall-ġestjoni ta' din il-Faċilità jew l-implimentazzjoni tal-linji gwida individwali speċifiċi għas-settur;
- (6) "azzjoni" tfisser kwalunkwe attività li hija neċessarja sabiex jiġi implimentat proġett ta' interess komuni irrispettivament minn finanzi, mezzi tekniċi u ż-żmien;
- (7) "spejjeż eliġibbli" għandha l-istess tifsira bħal fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid];
- (8) "benefiċjarju" tfisser Stat Membru, organizzazzjoni internazzjonali, impriża jew korp pubbliku jew privat li jkun ntgħażel sabiex jirċievi għajjnuna finanzjarja taħt dan ir-Regolament u skont il-modalitajiet speċifikati f'kull Programm ta' Ħidma;
- (9) "korp ta' implimentazzjoni" tfisser korp jew impriża pubblika jew privata maħtura minn benefiċjarju, liema benefiċjarju huwa xi Stat Membru jew xi organizzazzjoni internazzjonali, sabiex tiġi implimentata l-azzjoni. Din il-ħatra għandha tiġi deċiża mill-benefiċjarju taħt ir-responsabbiltà tiegħu propja u, jekk ikun meħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist, dan isir b'rispett għar-regoli applikabbli dwar l-akkwisti pubbliċi;
- (10) "network ewlieni" tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 (Linji gwida tat-TEN-T);
- (11) "kurituri tan-network ewlieni" tfisser strument sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tan-network ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 (Linji gwida tat-TEN-T) u kif elenkat fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament;
- (12) "konġestjoni" tfisser ostaklu fiżiku li jwassal għal twaħħil fis-sistema li jaffetwa l-kontinwità ta' flussi għal distanzi twal. Ostakolu bħal dan jista' jiġi assorbit permezz ta' infrastruttura ġdida bħal pontijiet jew mini li jindirizzaw il-problemi bħal pereżempju inklinazzjonijiet, radji tal-liwġiet, qisien. Il-ħtieġa li tiġi mtejba l-infrastruttura eżistenti ma għandhiex titqies bħala konġestjoni;
- (13) "prijorità" tfisser kwalunkwe waħda mill-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija minn 1 sa 8 u minn 10 sa 12 kif indikati fl-Anness 1 għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija];
- (14) "infrastruttura tal-enerġija" tfisser l-infrastruttura kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija];



- (15) "netwerks tal-broadband" tfisser netwerks ta' aċċess bil-fili jew mingħajr fili (li tinkludi s-satellita), infrastruttura anċillari u netwerks ewlenin li kapaċi joffru kollegament veloċi ferm kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS];
- (16) "infrastrutturi tas-servizz diġitali" tfisser servizzi li qegħdin f'network, mwassla b'mod elettroniku, ġeneralment permezz tal-internet, li jipprovdu servizzi trans-Ewropej interoperabbli fl-interess tal-pubbliku, jiġifieri li huma ta' natura li joffru possibilitajiet liċ-ċittadini, lin-negozji, u/jew lill-gvernijiet skont kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS].
- (17) "pjattaformi tas-servizzi ewlenin" tfisser servizzi identifikati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS];
- (18) "servizzi ġeneriċi" tfisser servizzi identifikati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS];
- (19) "tħaddim u manutenzjoni tas-servizzi" tfisser li jiġi żgurat it-tħaddim kontinwu ta' ċerti infrastrutturi tas-servizz diġitali, kif ġie definit ulterjorment fl-Anness għar-Regolament (EU) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS];
- (20) "awtoritajiet regolatorji nazzjonali" tfisser dawk il-korpi definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas])<sup>41</sup>.

*Artikolu 3*  
*Objettivi Ġenerali*

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tippermetti t-tnejja u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-qafas tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni. B'mod partikolari, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati għall-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġodda jew għat-titjib ta' dawk eżistenti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se tfittex li tilħaq dawn l-objettivi li ġejjin:

- (a) li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej moderni u bi prestazzjonijiet tajbin ħafna, u b'hekk toħroġ benefiċċji għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi f'termini ta' kompetittività u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan is-Suq Uniku u billi toħloq ambjent illi jgħin il-ħolqien ta' investment privat u pubbliku permezz ta' taħlita ta' strumenti finanzjarji u għajnuna diretta mill-Unjoni u billi jiġu użati bl-aqwa mod s-sinerġiji bejn is-setturi kollha. Il-kisba ta' dan il-għan tiġi mkejla mid-daqs tal-volum ta' investment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni, u b'mod partikolari minn kemm ikun il-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' interess komuni mwettqa bis-saħħa tal-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

---

<sup>41</sup> ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

- (a) li tippermetti lill-Unjoni tilħaq il-miri li għandha li tnaqqas b'20 % l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra<sup>42</sup>, li żżid b'20 % l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li tgħolli s-sehem tal-enerġija rinnovabbli għal 20 % sal-2020, filwaqt li tiżgura aktar solidarjetà bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 4*  
*Objettivi Speċifiċi Settorjali*

1. Barra l-objettivi ġenerali stabbiliti taħt l-Artikolu 3, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi settorjali li ġejjin:

(a) Fil-qasam tat-trasport, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhqqu l-objettivi stabbiliti hawn taħt, kif hu speċifikat ulterjorment taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T]:

- (i) li tneħħi il-konġestjonijiet u tibni l-kollegamenti neqsin, li jitkejlu mill-għadd ta' kollegamenti transkonfinali ġodda jew imtejba u konġestjonijiet imneħħija minn fuq rotot tat-trasport li jkun bbenefikaw mis-CEF;
- (ii) li tiżgura trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul ta' żmien, li għandu jiġi mkejje mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji konvenzjonali fl-UE-27 u mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji li għandhom veloċità għolja fl-UE-27;
- (iii) li ttejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkollegament bejn il-mezzi ta' trasport u ttejjeb l-interoperabbiltà bejn is-servizzi tat-trasport. Il-kisba ta' dan l-objettiv ser jiġi mkejje minn kemm ikun hemm portijiet u ajruportijiet kollegati man-netwerk tal-ferrovija.

(b) Fil-qasam tal-enerġija, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhqqu l-objettivi li ġejjin, kif hu speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012:

- (i) li tgħin sabiex ikun hemm aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u interoperabbiltà bejn netwerks tal-elettriku u tal-gass irrispettivament mill-fruntieri, fosthom billi tiżgura li ebda Stat Membru ma jkun iżolat min-netwerk Ewropew, li għandu jiġi mkejje mill-għadd ta' proġetti li jwasslu għal interkollegament effettiv bejn in-netwerks tal-Istati Membri u li jneħħu l-konġestjonijiet interni;
- (ii) li ttejjeb is-sigurtà fil-provvista tal-Unjoni, li għandu jiġi mkejje minn kemm ikun hemm evoluzzjoni fir-reżiljenza tas-sistema u s-sigurtà fl-operat tas-sistema, u kif ukoll mill-għadd ta' proġetti li jippermettu diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, tal-fornituri u tar-rotot;
- (iii) li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli man-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija u tiżviluppa netwerks tad-dijossidu tal-

---

<sup>42</sup> Jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin, anke sa 30 %.

karbonju, li għandu jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk ta' konsum u siti ta' ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnw li jkunu bbenefikaw mis-CEF.

- (c) Fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tipprovdi għal azzjonijiet sabiex jiġu appoġġjati proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhq u l-oġġettivi li ġejjin, kif speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tal-INFOS]:
- (i) li jitħaffef il-pass ta' tħaddim ta' netwerks bi broadband veloċi u ultraveloċi u l-użu li jsir minnhom, inkluż mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li għandu jiġi mkejje mil-livell ta' kopertura tal-broadband u tal-broadband ultraveloċi u mill-għadd ta' djar li jkollhom abbonament għal kollegamenti bil-broadband li jaqbżu il-100 Mbps;
  - (ii) li tħeġġeġ l-interkollegament u l-interoperabbiltà bejn is-servizzi pubbliċi nazzjonali onlajn kif ukoll l-aċċess għal netwerks bħal dawn, li għandu jiġi mkejje mill-persentaġġ ta' ċittadini u negozji li jkunu qed jużaw servizzi pubbliċi onlajn u mid-disponibbiltà ta' servizzi bħal dawn minn pajjiż għal ieħor irrispettivament mill-fruntieri.

#### *Artikolu 5* *Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR 50 000 000 000<sup>43</sup>. Dan l-ammont għandu jitqassam bejn is-setturi msemmija fl-Artikolu 3 kif ġej:
  - (a) trasport: EUR 31 694 000 000, li minnhom EUR 10 000 000 000 għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu b'konformità ma' dan ir-Regolament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;
  - (b) enerġija: EUR 9 121 000 000;
  - (c) telekomunikazzjoni: EUR 9 185 000 000.
2. Il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jista' jkopri spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' preparazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, sakemm huma relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, spejjeż marbuta ma' networks tal-IT li jiffokaw fuq ipproċessar u skambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispiża ta' kull assistenza teknika u amministrattiva oħra mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

---

<sup>43</sup> Iċ-ċifri kollha qegħdin fi prezzijiet kostanti tal-2011. L-ammonti korrispondenti, imniżżla fi prezzijiet attwali, jistgħu jinstabu fl-Istqarrija Finanzjarja Leġiżlattiva.

L-allokkazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata —tranżizzjoni bejn il-Programm u l-programmi adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007<sup>44</sup>. Jekk ikun meħtieġ, l-approprijazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2020 biex ikopru spejjeż simili, sabiex ikun possibbli l-immaniġġjar ta' azzjonijiet li sal-31 ta' Diċembru 2020 ma jkunux kompluti.

3. Wara l-evalwazzjoni intermedjarja skont l-Artikolu 26.1, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi bejn is-setturi l-approprijazzjonijiet tal-allokkazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-EUR 10 000 000 000 trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

## **KAPITOLU II**

### **FOROM TA' FINANZJAMENT U DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI**

#### *Artikolu 6*

#### *Forum ta' għajjnuna finanzjarja*

1. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tiġi implimentata permezz ta' waħda jew aktar mill-forom ta' għajnuniet finanzjarji, stipulati fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid], b'mod partikolari, għotjiet ta' flus, akkwisti u strumenti finanzjarji.
2. Il-Kummissjoni tista' tafda parti mill-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa f'idejn dawg il-korpi stipulati fl-Artikolu 55(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid].

#### *Artikolu 7*

#### *Eliġibbiltà u kundizzjonijiet għall-għajjnuna finanzjarja*

1. Huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolamenti (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-E], (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija] u XXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS] kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' għotjiet ta' flus, strumenti finanzjarji u akkwisti.
2. Fil-qasam tat-trasport, huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T] u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li huma eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' akkwisti u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament. F'għamla ta' għotjiet

---

<sup>44</sup> Regolament (KE) Nru 680/2007 tal- 20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija, (ĠU L 162, 22.6.2007, p.1

ta' flus, huma biss dawn l-azzjonijiet li ġejjin illi għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:

- (a) azzjonijiet li jimplementaw in-netwerk ewlieni skont Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], inkluż it-tħaddim ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
- (a) studji għal proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
- (b) azzjonijiet ta' appoġġ għall-proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
- (c) azzjonijiet ta' appoġġ għas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
- (d) azzjonijiet ta' appoġġ għas-servizzi tal-ġarr ta' merkanzija skont l-Artikolu 38 tar-Regolament XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
- (e) azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorjbu li joħroġ mill-ferroviji li jgħorru l-merkanzija permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji;
- (f) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi.

L-azzjonijiet relatati mat-trasport li jinvolvu sezzjoni transkonfinali jew parti minnha għandhom ikunu eliġibbli sabiex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni jekk hemm ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri kkonċernati jew bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati marbut mat-tlestija tas-sezzjoni transkonfinali. Bħala eċċezzjoni, meta proġett ikun neċessarju sabiex ikun hemm għaqda man-netwerk ta' Stat Membru ġar jew ta' xi pajjiż terz iżda li fil-verità ma jaqsamx il-fruntiera, il-ftehim bil-miktub imsemmi hawn fuq ma għandux ikun meħtieġ.

Il-finanzjament f'għamla ta' għotjiet għall-proġetti li għandhom sorsi ta' dħul imdaqqa mhux ħażin li jiddependu fuq ħlas mill-utenti għandu jkun prinċipalment disponibbli għall-iskopijiet marbuta mat-tnejn tal-proġett, b'mod partikolari biex issir il-valutazzjoni PPP.

- 3. Fil-qasam tal-enerġija, il-kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jimplementaw proġetti ta' interess komuni biex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' strumenti finanzjarji u għotjiet taħt dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija].
- 4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, l-azzjonijiet kollha li jimplementaw proġetti ta' interess komuni u l-azzjonijiet kollha ta' appoġġ għall-programmi stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS] għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' għotja ta' flus, akkwist u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

## KAPITOLU III GĦOTJIET TA' FLUS

### *Artikolu 8*

#### *Forom ta' għotjiet ta' flus u spejjeż eliġibbli*

1. Għotjiet skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru f'waħda mill-forom stabbiliti mill-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid].

Il-Programmi ta' Ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom ta' għotjiet ta' flus li jistgħu jintużaw għall-finanzjament tal-azzjonijiet ikkonċernati.

2. In-nefqa tista' tkun eliġibbli mid-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-għajnuna. [In-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fil-ewwel programm multiannwali tista' tkun eliġibbli sa mill-1 ta' Jannar 2014].
3. Hija biss in-nefqa magħmula fl-Istati Membri li tista' tkun eliġibbli, ħliet meta l-proġett ta' interess komuni jkun jinvolvi t-territorju ta' pajjiżi terzi u fejn l-azzjoni tkun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-proġett partikolari.
4. L-ispiża għal tagħmir u infrastruttura li l-benefiċjarju jgħodd bħala nefqa kapitali tista' tkun kollha kemm hi eliġibbli.
5. Nefqa marbuta ma' studji ambjentali dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-konformità mal-acquis tal-Unjoni jistgħu jkunu eliġibbli.
6. Nefqa marbuta max-xiri ta' art ma għandhiex titqies bħala spiża eliġibbli.
7. Il-VAT ma għandhiex titqies bħala spiża eliġibbli.
8. Regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż imħallsa mill-benefiċjarji għandhom japplikaw mutatis mutandis għal spejjeż imħallsa minn korpi inkarigati mill-implimentazzjoni.

### *Artikolu 9*

#### *Kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni*

1. Proposti jistgħu jiġu mressqa minn wieħed jew bosta Stati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, jew impriżi pubbliċi jew privati jew korpi stabbiliti fl-Istati Membri.
2. Għal dan l-iskop, proposti jistgħu jiġu mressqa minn entitajiet li ma għandhomx personalità legali taħt il-liġi nazzjonali applikabbli, sakemm ir-rappreżentanti tagħhom għandhom il-kapaċità li jerfgħu l-obbligi legali fisimhom u joffru garanzija għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li tkun daqs dik offruta minn persuni ġuridiċi.
3. Proposti mressqa minn persuni fiżiċi ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli.

4. Fejn ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' xi proġett partikolari ta' interess komuni, pajjiżi terzi u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem f'azzjonijiet illi jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni.

Dawn ma jistgħux jirċievu finanzjament skont dan ir-Regolament, ħlief meta dan ikun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' xi proġett partikolari ta' interess komuni.

Meta dan ikun meħtieġ għal implimentazzjoni ta' azzjonijiet rilevanti li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni b'mod aktar effettiv f'pajjiżi terzi skont ir-Regolamenti (UE) Nru XXX/2012 [Linji gwida TEN-T], (UE) Nru XXX/2012 [Linji gwida TEN-E, (UE) Nru XXX/2012 [Linji gwida għal infrastrutturi tal-enerġija] u XXX/2012 [Linji gwida INFSO], il-finanzjament skont dan ir-Regolament jista' jinġabar flimkien ma' fondi koperti minn regolament oħra rilevanti tal-Unjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, dwar ġabra unika ta' regoli li għandhom japplikaw għall-implimentazzjoni.

5. Flimkien mat-proposti kollha mressqa għall-ġhotjiet ta' flus għandu jkun hemm il-qbil tal-Istati Membri kkonċernati mill-azzjoni, ħlief fil-qasam tat-telekomunikazzjoni u fil-qasam tat-trasport fejn tidħol il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.
6. Il-Programmi ta' Ħidma multiannwali u annwali jistgħu jipprovdu regoli speċifiki addizzjonali dwar tressiq ta' proposti.

#### *Artikolu 10* *Rati ta' finanzjament*

1. Ħlief għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid], il-proposti għandhom jiġu magħżula permezz ta' sejħa li toħroġ għall-proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17.
2. Fil-qasam tat-trasport:
  - (a) fir-rigward ta' ġhotjiet ta' flus għal studji, l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli;
  - (b) fir-rigward ta' ġhotjiet ta' flus għal xogħlijiet:
    - (i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ispiża eliġibbli; ir-rata ta' finanzjament tista' tiġi miżjuda għal 30 % għal azzjonijiet li jindirizzaw il-konġestjonijiet; ir-rata ta' finanzjament tista' tiġi miżjuda għal 40 % għal azzjonijiet li jikkonċernaw sezzjonijiet transkonfinali;
    - (ii) kollegamenti ta' transport fuq l-art bejn portijiet u ajruportijiet, azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorjbu li joħroġ mill-ferroviji li jgħorru l-merkanzija permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji, kif ukoll l-iżvilupp ta' portijiet u pjattaformi multimodali: l-ammont tal-għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ispiża eliġibbli.

- (c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:
- (i) is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS – European Rail Traffic Management System): l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;
  - (ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, servizzi ta' ġarr ta' merkanzija, parkings siguri fuq in-network ewlieni tat-toroq, kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-Awtostradi tal-Ibħra: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli.
3. Fil-qasam tal-enerġija:
- (a) l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli biex isiru studji u/jew xogħlijiet;
  - (b) ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiġu miżjuda sa massimu ta' 80 % għal azzjonijiet li skont l-provi murija msemmija fl-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija], joffru livell għoli ta' sigurtà ta' provvista fuq livell reġjonali jew madwar l-Unjoni, jew isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew ikun fihom soluzzjonijiet innovattivi bil-kbir.
4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni:
- (a) azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;
  - (b) azzjonijiet fil-qasam tas-servizzi ġeneriċi: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli;
  - (c) il-pjattaformi tas-servizzi ewlenin għandhom normalment jiġu ffinanzjati permezz ta' akkwisti. F'każi eċċezzjonali, jistgħu jiġu ffinanzjati minn għotja ta' flus li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament;
  - (d) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, fosthom it-tfassil ta' kartografija tal-infrastruttura, ġemellaġġ u għajjnuna teknika: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli.
5. Ir-rati ta' kofinanzjament imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu miżjuda b'sa mhux aktar minn 10 punti perċentwali għal azzjonijiet li għandhom sinerġiji transsettorjali, li jilhqnu l-oġettivi ta' mitigazzjoni fil-klima, li jtejbu r-reżiljenza għall-klima jew li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda ma għandhiex tapplika għar-rati ta' kofinanzjament imsemmija fl-Artikolu 11.
6. L-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li tingħata għall-azzjonijiet magħżula jkun adattat abbażi ta' analiżi tal-benefiċċju miksub għall-flus li jintefqu ta' kull proġett, id-disponibilità tar-riżorsi baġitarji, u l-bżonn li jittieħed vantaġġ massimu mill-finanzjament tal-UE.



*Artikolu 11*

*Sejħiet speċifiċi għal fondi trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni fil-qasam tat-trasport*

1. Fir-rigward tal-EUR 10 000 000 000 transferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, se jiġu mnedija sejħiet speċifiċi għal proġetti li jimplementaw in-netwerk ewlieni esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.
2. Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dawn is-sejħiet speċifiċi. Meta jkun il-waqt li jiġu implimentati dawn is-sejħiet, għandha tingħata l-ogħla prijorità possibbli lill-proġetti li jirrispettaw l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni.
3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10, u fir-rigward tal-EUR 10 000 000 000 trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu mill-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' finanzjament għandhom ikunu daww applikabbli għal Fond ta' Koeżjoni msemmija fl-Artikoli 22 u 110.3 tar-Regolament (UE) Nru XXX2012 [Ir-Regolament li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006]<sup>45</sup> għall-azzjonijiet li ġejjin:
  - (a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus sabiex isiru studji;
  - (b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:
    - (i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art;
    - (ii) azzjonijiet ta' appoġġ għal sezzjonijiet minn toroq li jkunu transkonfinali;
    - (iii) kollegamenti ta' trasport fuq l-art għal portijiet u ajruportijiet, l-iżvilupp ta' pjattaformi multimodali u ta' portijiet;
  - (c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:
    - (i) is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (European Rail Traffic Management System – ERTMS);
    - (ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku;

---

<sup>45</sup> COM(2011) 615 finali

*Artikolu 12*  
*Revokar, tnaqqis, sospensjoni u twaqqif tal-għotja*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevoka, ħlief fkażijiet debitament ġustifikati, l-għajjnuna finanzjarja mogħtija għal azzjonijiet li jkunu għadhom ma nbdewx fi żmien sena wara d-data li suppost bdiet fiha l-azzjoni stabbilita fil-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti tal-għajjnuna.
2. Il-Kummissjoni tista' tissospendi, tnaqqas, tirkupra jew twaqqaf l-għajjnuna finanzjarja skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid] b'mod partikolari:
  - (a) f'każ ta' xi irregolarità li tkun twettqet fl-implimentazzjoni tal-azzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni;
  - (b) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għotja ta' flus, b'mod partikolari jekk mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tkun saret xi bidla kbira li tolqot in-natura ta' xi proġett jew azzjoni;
  - (c) wara evalwazzjoni ta' kif qed jimxi l-proġett, b'mod partikolari f'każ ta' dewmien kbir fl-implimentazzjoni tal-azzjoni.
3. Il-Kummissjoni tista' titlob ir-rimborż tal-għajjnuna finanzjarja mogħtija jekk, fi żmien sentejn mid-data tat-tlestija kif stabbilita fil-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti tal-għajjnuna, l-implimentazzjoni tal-azzjoni li tirċievi l-għajjnuna finanzjarja tkun għadha ma tlestietx.
4. Qabel ma l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe deċiżjoni minn dawk previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3, hija għandha teżamina l-każ partikolari u tgħarraf lill-benefiċjarji kkonċernati sabiex b'hekk huma jkunu jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom saż-żmien stipulat.

**KAPITOLU IV**  
**AKKWIST**

*Artikolu 13*  
*Akkwist*

1. Proċeduri ta' akkwist pubbliku mwettqa mill-Kummissjoni jew minn xi wieħed mill-korpi msemmija fl-Artikolu 6(2) f'ismu stess jew b'mod konġunt ma' Stati Membri:
  - (a) jistgħu jipprovdu għal kundizzjonijiet speċifiċi bħall-post li fih jitwettqu l-attivitajiet tal-akkwisit, ġustifikati kif inhu xieraq mill-oġġettivi tal-azzjonijiet u sakemm tali kundizzjonijiet ma jiksrux il-prinċipji marbuta mal-akkwist pubbliku;
  - (b) jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' aktar minn kuntratt wieħed fi ħdan l-istess proċedura ("fornitura multipla")
2. Fejn ikun debitament ġustifikat u meħtieġ mill-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, il-paragrafu 1 jista' japplika wkoll għall-proċeduri ta' akkwist imwettqa minn benefiċjarji ta' għotjiet ta' flus.

# KAPITOLU V

## STRUMENTI FINANZJARJI

### *Artikolu 14* *Tipi ta' strumenti finanzjarji*

1. Strumenti finanzjarji stabbiliti skont it-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru XXXX/2012 [Il-Regolament Finanzjarju l-Ġdid tal-2012], jistgħu jintużaw sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjamenti minn entitajiet li jimplimentaw azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni kif definiti fir-Regolamenti (UE) Nru XXXX/2012, (UE) Nru XXX 2012, u (UE) Nru XXX/2012, u għal-kisba tal-oġġettivi tagħhom. L-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet ex-ante tal-imperfezzjonijiet fis-suq jew qagħdiet ta' investment mhux fl-aqwa tagħhom u bżonnijiet ta' investment.
2. Strumenti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 jistgħu jingħaqdu flimkien, jekk applikabbli, ma' dawk li jinħolqu taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.
3. Jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji li ġejjin:
  - (a) strumenti ta' ekwità, bħal fondi ta' investment b'enfasi fuq il-forniment ta' kapital riskju għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni;
  - (b) self u/jew garanziji iffaċilitati permezz ta' strumenti bbażati fuq il-kondiviżjoni tar-riskji, inkluż mekkaniżmu ta' tiżwieq għal bonds marbuta ma' proġetti, maħruġin minn istituzzjoni finanzjarja bir-riżorsi tagħha stess u b'kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-provvediment u/jew l-allokkazzjoni ta' kapital;
  - (c) kwalunkwe strument finanzjarju ieħor.

### *Artikolu 15* *Kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja permezz tal-istrumenti finanzjarji*

1. Azzjonijiet appoġġati permezz ta' strumenti finanzjarji għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' min ikun applika l-ewwel jinqeda l-ewwel u għandhom ifittxu li jkollhom diversifikazzjoni settorjali skont l-Artikoli 3 u 4, kif ukoll diversifikazzjoni ġeografika gradwali minn fost l-Istati Membri.
2. L-Unjoni, kwalunkwe Stat Membru u investituri oħra jistgħu joffru għajjnuna finanzjarja addizzjonali barra l-kontribuzzjonijiet li jirċievu permezz tal-użu tal-istrumenti finanzjarji, sakemm il-Kummissjoni taqbel ma' kull bidla fil-kriterji ta' eliġibbiltà tal-azzjonijiet u/jew l-istrateġija ta' investment tal-istrument li tista' tkun neċessarja minħabba l-kontribuzzjoni addizzjonali.
3. L-istrumenti finanzjarji għandom jimmiraw illi jżommu l-valur tal-assi pprovduti mill-baġit tal-Unjoni. Dawn jistgħu jiġġeneraw qligħ aċċettabbli li jilħaq l-oġġettivi ta' msieħba jew investituri oħra.

4. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jingħaqdu ma' għotjiet ifffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, inkluż li jaqa' taħt dan ir-Regolament.
5. Il-Programmi ta' Ħidma jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali skont il-ħtiġijiet speċifiċi tas-setturi.
6. Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid], id-dħul u l-ħlasijiet lura ġġenerati minn strument finanzjarju partikolari għandhom jiġu assenjati lil dak l-istrument finanzjarju. Għal strumenti finanzjarji diġà stabbiliti fil-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2007-2013, id-dħul u l-ħlasijiet lura ġġenerati minn operazzjonijiet mibdija tul dak il-perjodu għandhom ikunu assenjati lill-istrument finanzjarju fil-perjodu 2014-2020.

*Artikolu 16*  
*Azzjonijiet f'pajjiżi terzi*

Azzjonijiet f'pajjiżi terzi jistgħu jingħataw appoġġ mill-istrumenti finanzjarji jekk dan ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' xi proġett ta' interess komuni.

## **KAPITOLU VI**

### **PROGRAMMAZZJONI, IMPLIMENTAZZJONI U KONTROLL**

*Artikolu 17*  
*Programmi ta' ħidma multiannwali u/jew annwali*

1. Il-Kummissjoni għandha taddotta programmi ta' ħidma multiannwali u annwali għal kull settur. Il-Kummissjoni tista' taddotta wkoll programmi ta' ħidma multiannwali u annwali li jkopru aktar minn settur wieħed. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu addottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.2.
2. Il-programm ta' ħidma multiannwali għandu jkun revedut tal-inqas f'nofs il-perjodu. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-programm ta' ħidma multiannwali permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu addottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.2.
3. Għandu jiġi addottat programm ta' ħidma multiannwali fil-qasam tat-trasport għal proġetti ta' interess komuni kif elenkati f'Taqsimha I tal-Anness għal dan ir-Regolament.  
  
L-ammont tal-pakkett finanzjarju għandu jkun fil-medda ta' bejn 80 sa 85 % tar-riżorsi baġitarji msemmija fl-Artikolu 5(1)(a).
4. Il-programmi ta' ħidma multiannwali fil-qasam tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni għandhom joffru orjentazzjoni strateġika fil-qasam ta' proġetti ta' interess komuni u jistgħu jinkludu proġetti speċifiċi ta' interess komuni.

5. Il-programmi ta' ħidma settorjali annwali, fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, għandhom jiġu addottati għal proġetti ta' interess komuni mhux inklużi fil-programm multiannwali.
6. Il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, meta tistabbilixxi programmi ta' ħidma settorjali multiannwali u annwali, għandha tistabbilixxi l-kriterji tal-għażla u tal-għoti skont l-oġettivi u l-prijoritajiet stabbiliti:
  - (a) għat-trasport fir-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
  - (b) għall-enerġija fir-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija];
  - (c) għat-telekomunikazzjoni fir-Regolament Nru (UE) XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFSO].
7. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu kkoordinati sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn it-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari f'tali oqsma bħal grilji intelliġenti tal-enerġija, mobbiltà b'mezzi li jaħdmu bl-elettriku, sistemi intelliġenti u sostenibbli tat-trasport, jew drittijiet ta' passaġġ konġunti. Tista' tiġi addottata sejħa multisettorjali għall-proposti.

*Artikolu 18*  
*Ħlas annwali bin-nifs*

L-impenji baġitarji jistgħu jitqassmu fi ħlasijiet annwali bin-nifs. Jekk isir hekk, kull sena l-Kummissjoni għandha tikkommetti l-ħlasijiet annwali bin-nifs filwaqt li tikkunsidra l-progress tal-azzjonijiet li jkunu qed jirċievu għajjnuna finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.

L-iskeda indikattiva ta' żmien li tkopri l-impenn tal-ħlasijiet annwali individwali bin-nifs għandha tiġi kkomunikata lill-benefiċjarji tal-għotjiet u, jekk tgħodd għal xi strumenti finanzjarji, lill-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati

*Artikolu 19*  
*Riport ta' approprjazzjonijiet annwali*

Approprjazzjonijiet li ma jkunux intużaw sal-aħħar tas-sena finanzjarja li ddaħħlu taħtha għandhom jiġu riportati awtomatikament b'sena.

*[Artikolu 20*  
*Atti ddelegati*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti iddelegati skont l-Artikolu 25 rigward iż-żieda jew il-modifika tal-listi previsti fl-Anness.]

*Artikolu 21*  
*Responsabbiltà tal-benefiċjarji u tal-Istati Membri*

Fl-ambitu tar-responsabbiltà tagħhom, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jaqgħu fuq benefiċjari taħt il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għotjiet, il-benefiċjarji u l-Istati Membri għandhom jaqgħu kull sforz biex jimplimentaw il-proġetti ta' interess komuni li jirċievu għajna finanzia mill-Unjoni mogħtija skont dan ir-Regolament

L-Istati Membri għandhom, għal proġetti relatati mas-setturi tat-trasport u l-enerġija, iwettqu l-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzia ta' azzjonijiet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw ir-realtà u l-konformità tal-ispiża li tkun saret fir-rigward ta' proġetti jew partijiet ta' proġetti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt kontrolli fuq il-post.

Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni b'mod partikolari, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jaqgħu kull sforz sabiex jassiguraw iċ-ċertezza legali meħtieġa u l-kundizzjonijiet ta' investiment li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti li jirċievu għajna finanzia mill-Unjoni skont dan ir-Regolament

L-Istati Membri għandhom kontinwament jgħarrfu lill-Kummissjoni, jekk ikun rilevanti permezz tas-sistemi interattivi ta' informazzjoni ġeografika u teknika, li fil-każ tan-netwerks trans-Ewropej tat-Trasport hija TENtec, dwar il-progress li jkun għaddej fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni u l-investimenti magħmula għal dan l-iskop, inkluż l-ammont ta' għajna użata għall-objettivi marbuta mat-tibdil fil-klima.

*Artikolu 22*  
*Konformità mal-politiki tal-Unjoni u mal-Liġi tal-Unjoni*

Azzjonijiet f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u li huma f'konformità mal-politiki rilevanti tal-Unjoni biss għandhom ikunu ffinanzjati skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 23*  
*Ħarsien tal-interessi finanzia tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha addattati illi jiżguraw li, meta xi azzjonijiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzia tal-Unjoni jiġiharsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandhom ikollhom s-setgħa li jaqgħu awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotjiet ta' flus, korpi ta' implimentazzjoni, kuntratturi u sottokuntratturi li jkunu irċievew fondi mill-Unjoni.
3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jkun awtorizzat illi jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament

minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra<sup>46</sup> bil-għan illi tistabilixxi li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim dwar għotja ta' flus jew xi deċiżjoni jew xi kuntratt illi jikkonċerna xi finanzjament mill-Unjoni.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jsiru ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet rigward għotjiet ta' flus u deċiżjonijiet u kuntratti illi jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu dritt ċar lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu tali awditjar, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

## **TITOLU II**

### **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

#### *Artikolu 24* *Kumitati*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' Koordinament tal-Faċilità. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira li jagħti r-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Il-kumitat għandu jiżgura li jkollu stampa ġenerali orizzontali tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 18 sabiex jiżgura konsistenza u li jiġu identifikati s-sinerġiji u sfruttati mis-setturi bejniethom.

#### *Artikolu 25* *Eżerċizzju ta' delegazzjoni*

1. Hija mogħtija lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu addottati atti ddelegati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Għandha tingħata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 20 għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni sabiex ikun hemm revoka għandha ttejjem id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tibda sseħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex tolqot il-validità ta' xi atti ddelegati diġà fis-seħħ.

---

<sup>46</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

4. Hekk kif taddotta xi att iddelegat, il-Kummissjoni, għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.
5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 26*  
*Evalwazzjoni*

1. Sa mhux aktar tard minn nofs l-2018, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fuq il-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tagħhom, fil-perspettiva ta' deċiżjoni li tittieħdet fuq it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-oġġettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħorġu mill-evalwazzjoni rigward l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni retrospettiva f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-benefiċjarji. L-evalwazzjoni retrospettiva għandha teżamina l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-impatt tagħha fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u l-iskala tal-appoġġ li ntuża biex jintlaħqu l-oġġettivi marbuta mat-tibdil fil-klima, u r-riżultati tiegħu. L-evalwazzjoni retrospettiva għandha tiġi kkunsidrata fid-deċiżjoni li tittieħed dwar possibbiltà ta' tiġdid, modifika jew sospensjoni li jista' jkun hemm ta' xi miżura sussegwenti.
3. L-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-progress f'paragun mal-indikaturi tal-prestazzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 3 u 4.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.
5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mgħejjuna mill-benefiċjarji l-oħra li jista' jkun hemm, jistgħu jwettqu evalwazzjoni tal-metodi ta' twettiq tal-proġetti kif ukoll tal-impatt tal-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jivvalutaw jekk intlaħqux l-oġġettivi, inklużi dawk relatati mal-ħarsien tal-ambjent.
6. Il-Kummissjoni tista' titlob lil xi Stat Membru benefiċjarju kkonċernat bi proġett ta' interess pubbliku sabiex jipprovdi evalwazzjoni speċifika tal-azzjonijiet u l-proġetti b'rabta bejniethom ifffinanzjati skont dan ir-Regolament, jew fejn dan ikun xieraq, sabiex jgħaddilha l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa sabiex titwettaq evalwazzjoni ta' tali proġetti.



*Artikolu 27*  
*Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. Il-benefiċjarji u, fejn hu xieraq, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jassiguraw li ssir pubbliċità addattata għall-għajjnuna mogħtija skont dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bir-rwol tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-proġetti.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Barra minn hekk, il-baġit allokat għall-komunikazzjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni<sup>47</sup>.

*Artikolu 28*  
*Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, li tinkludi l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sakemm dawn jingħalqu, jew tal-għajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 2236/95 u (KE) Nru 680/2007, jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013, li għandha tibqa' tkompli tapplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sakemm dawn jingħalqu.

*Artikolu 29*  
*Revoka*

Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 huwa revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 30*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ nhar l-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

---

<sup>47</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Eonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni – Baġit għall-Ewropa 2020 Taqsima II (Faxxikoli ta' politika), COM(2011) 500 finali, 29.06.2011, p. 7.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

### TAQSIMA I: LISTA TA' PROĠETTI IDENTIFIKATI BIL-QUDDIEM FIN-NETWERK EWLIENI FIL-QASAM TAT-TRASPORT

#### a) Prijoritajiet Orizzontali

Ġestjoni u Servizzi Innovattivi	<i>Ajru Uniku Ewropew – SESAR</i>
Ġestjoni u Servizzi Innovattivi	<i>Sistemi ta' Ġestjoni tat-Traffiku għat-Toroq, Ferroviji u l-Passaġġi tal-Ilma fuq l-Art (STI, ERTMS – “European Rail Traffic Management System” u RIS – “River Information Services”)</i>
Ġestjoni u Servizzi Innovattivi	<i>Portijiet u Ajruporti fin-Netwerk Ewlieni</i>

#### Kurituri Prinċipali fin-Netwerk Ewlieni

#### 1. Kuritur tal-Baltiku u tal-Adrijatiku

Helsinki – Tallinn – Riga – Kaunas – Warszawa – Katowice

Gdynia – Katowice

Katowice – Ostrava – Brno – Wien

Katowice – Žilina – Bratislava – Wien

Wien – Graz – Klagenfurt – Villach – Udine – Venezia – Bologna – Ravenna

Sessjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Helsinki - Tallinn	Portijiet, MoS (Awtostradi tal-Ibħra - "Motorways of the Seas")	interkollegamenti bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali u l-interkollegamenti ta' bejniethom, MoS (li jinkludi l-kapaċità tat-tkissir tas-silġ)
Tallinn - Riga - Kaunas - Warszawa	Ferrovija	studji (dettaljati) fuq linja li tkun kompletament interoperabbli tad-daqs UIC il-ġdid; xogħlijiet fuq linja ġdida għandhom jibdew qabel l-2020; ferrovija—interkollegamenti ma' ajruporti/portijiet
Gdynia - Katowice	Ferrovija	titjib
Gdynia, Gdansk	Portijiet	interkollegamenti bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Warszawa - Katowice	Ferrovija	titjib
Katowice - Ostrava - Brno - Wien &	Ferrovija	titjib, b'mod partikolari s-sessjonijiet transkonfinali PL-CZ, PL-SK u SK-AT; (aktar) żvilupp tal-pjattaformi

Katowice - Žilina - Bratislava - Wien		multimodali
Wien - Graz - Klagenfurt - Udine - Venezia - Ravenna	Ferrovija	titjib u xogħlijiet għaddejnin; (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali
Trieste, Venezia, Ravenna	Portijiet	interkollegamenti bejn il-portijiet, (aktar) żvilupp tal-pjattaformi multimodali

## 2. Warszawa – Berlin – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Midlands

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover – Osnabrück – Enschede – Utrecht – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Birmingham/Manchester – Liverpool

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjonijiet/dati
fruntiera mal-BY - Warszawa - Poznań - DE border	Ferroviji	titjib tal-linja eżistenti, studji għal ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
fruntiera mal-PL- Berlin - Hannover - Amsterdam/Rotterdam	Ferroviji	titjib ta' bosta sezzjonijiet (Amsterdam – Utrecht – Arnhem; Hannover – Berlin)
Kanali fil-Ġermanja tal-Punent, Mittellandkanal, Hannover – Magdeburg - Berlin	IWW ("Passaġġi tal-Ilma fuq l-Art")	titjib
Il-magħluqin (locks) ta' Amsterdam	IWW	studji għaddejnin
Felixstowe – Midlands	Ferrovija, port, pjattaformi multimodali	interkollegamenti bejn il-portijiet u pjattaformi multimodali

## 3. Kuritur tal-Mediterran

Algeciras – Madrid – Tarragona

Sevilla - Valencia – Tarragona

Tarragona – Barcelona – Perpignan – Lyon – Torino – Milano – Venezia – Ljubljana – Budapest – fruntieraUA

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjonijiet/dati
Algeciras - Madrid	Ferrovija	studji għaddejnin, xogħlijiet għandhom jitnedew qabel l-2015, għandhom jistessaw sal-2020
Sevilla - Antequera - Granada - Almería -	Ferrovija	studji u xogħlijiet

Cartagena - Murcia - Alicante - Valencia		
Valencia - Tarragona - Barcelona	Ferrovija	bini bejn 2014 – 2020
Barcelona	Port	interkollegamenti tal-ferrovija mal-port u l-ajruport
Barcelona - Perpignan	Ferrovija	sezzjoni transkonfinali, xogħlijiet għaddejnin, linja għdida lesta sal-2015, titjib tal-linja eżistenti
Perpignan - Montpellier	Ferrovija	il-bajpas Nîmes - Montpellier għandha tkun tintuża fl-2017, ta' Montpellier - Perpignan għall-2020
Lyon - Torino	Ferrovija	sezzjoni transkonfinali, xogħlijiet fuq mina għall-ferroviji li tinferd minn ġo muntanji għandhom jibdew qabel l-2020; studji fuq rotot ta' aċċess
Milano - Brescia	Ferrovija	parzjalment titjib, parzjalment linja għdida għall-ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Brescia - Venezia - Trieste	Ferrovija	xogħlijiet għandhom jibdew qabel l-2014 fuq bosta sezzjonijiet
Milano - Mantova - Venezia - Trieste	IWW	studji, titjib, xogħlijiet
Trieste - Divača	Ferrovija	studji u titjib parzjali għaddejnin, sezzjoni transkonfinali għandha ssir sa wara l-2020
Koper - Divača - Ljubljana - Maribor	Ferrovija	studji u titjib/parzjalment linja għdida
Għajnodu f'Ljubljana	Ferrovija	għajnodu tal-ferrovija f'Ljubljana, li tinkludi pjattaforma multimodali; interkonnessjoni tal-ferrovija mal-ajruport
Maribor - Zalalövö	Ferrovija	sezzjoni transkonfinali: studji, xogħlijiet għandhom jibdew qabel l-2020
Boba- Szekesferhervar	Ferrovija	titjib
Budapest-Miskolc-fruntiera UA	Ferrovija	titjib

#### 4. Hamburg – Rostock – Burgas/fruntiera mat-TR – Piraeus – Lefkosia

Hamburg / Rostock – Berlin – Praha – Brno – Bratislava – Budapest – Arad – Timișoara – Sofia  
Sofia – Burgas/ fruntiera mat-TR  
Sofia – Thessaloniki – Piraeus – Limassol – Lefkosia

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
--------------------------------------	------	-------------------

Dresden - Praha	Ferrovija	studji għal ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Prague	Ferrovija	Titjib, bajpass għat-trasport tal-merkanzija, kollegament ma' ferrovija ajruport
Hamburg - Dresden - Praha - Pardubice	IWW	titjib fl-Elbe
Il-magħluqin (locks) ta' Děčín	IWW	studji
Breclav - Bratislava	Ferrovija	transkonfinali, titjib
Bratislava - Hegyeshalom	Ferrovija	transkonfinali, titjib
Budapest - Arad - Timișoara - Calafat	Ferrovija	titjib fl-HU kważi lest, għadu għaddej fir-RO
Vidin - Sofia - Burgas/fruntiera mat-TR Sofia - Thessaloniki - Athens/Piraeus	Ferrovija	studji u xogħlijiet f'Vidin – Sofia – Thessaloniki; titjib f' Sofia – Burgas/fruntiera mat-TR
Athens/Piraeus - Limassol	MoS	kapaċità tal-port u kollegamenti ma' postijiet 'il għewwa fil-pajjiż
Limassol - Lefkosia	Portijiet, pjattaformi multimodali	titjib tal-interkollegament multimodali

## 5. Helsinki – Valletta

Helsinki – Turku – Stokkolma – Malmö – København – Fehmarn – Hamburg – Hannover  
Bremen – Hannover – Nürnberg – München – Brenner – Verona – Bologna – Roma – Napoli – Bari  
Napoli – Palermo – Valletta

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Kotka/Hamina - Helsinki	Port, Ferrovija	kollegamenti bejn il-port u postijiet 'il għewwa fil-pajjiż; titjib fil-ferrovija
Helsinki	Ferrovija	kollegament ajruport-ferrovija
Fruntiera mar-RU- Helsinki	Ferrovija	xogħlijiet għaddejjin
Turku - Stokkolma	Portijiet, MoS	kollegamenti bejn il-port u postijiet 'il għewwa fil-pajjiż, kapaċità tat-tkissir tas-silġ
Stokkolma - Malmö (Triangolu tat-Tramuntana)	Ferrovija	xogħlijiet għaddejjin fuq taqsimiet speċifiċi
Fehmarn	Ferrovija	studji għaddejjin, xogħlijiet fuq bini bejn l-2014 u l-2020 ta' linja fissa li tgħaqqad il-Fehmarn Belt

København - Hamburg tgħaddi minn Fehmarn: rotot ta' aċċess	Ferrovija	rotot ta' aċċess fid-DK għandhom jitlestew sal-2020, rotot ta' aċċess fil-Ġermanja għandhom jitlestew f'2 stadji (2020 - 2027)
Hamburg/Bremen - Hannover	Ferrovija	xogħlijiet għandhom jinbdew qabel l-2020
München - Wörgl	Ferrovija	Aċċess għall-mina ta' Brenner li tinfed minn ġo muntanja u sezzjoni transkonfinali: studji
Mina ta' Brenner li tinfed minn ġo muntanja	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Fortezza - Verona	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Napoli - Bari	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Napoli – Reggio Calabria	Ferrovija	titjib
Messina - Palermo	Ferrovija	titjib (fis-sezzjonijiet li fadal)
Palermo - Valletta	Portijiet, MoS	kollegamenti bejn il-port u postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż
Valletta - Marsaxlokk	Port, ajruport	jiddaħħlu sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, titjib tal-interkollegamenti modali

## 6. Genova – Rotterdam

Genova – Milano/Novara – Simplon/Lötschberg/Gotthard – Basel – Mannheim – Köln  
Köln– Düsseldorf – Rotterdam/Amsterdam  
Köln– Liège – Bruxelles/Brussel– Zeebrugge

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Genova - Milano/Novara – fruntiera mal-CH	Ferrovija	studji; xogħlijiet se jibdew qabel l-2020
Basel - Rotterdam/Amsterdam/Antwerpen	IWW	titjib
Karlsruhe - Basel	Ferrovija	xogħlijiet għandhom jitlestew sal-aħħar tal-2020
Frankfurt - Mannheim	Ferrovija	studji għaddejjin
Zevenaar - Emmerich - Oberhausen	Ferrovija	xogħlijiet għandhom jitlestew sal-aħħar tal-2017
Zeebrugge	Port	Magħluqin (locks): studji għaddejjin

## 7. Lisboa - Strasbourg

Sines / Lisboa – Madrid – Valladolid  
 Lisboa – Aveiro – Oporto  
 Aveiro – Valladolid – Vitoria – Bordeaux – Paris – Mannheim/Strasbourg

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Ferrovija li timxi b'veloċità qawwija Sines/Lisboa - Madrid	Ferrovija, portijiet	studji u xogħlijiet għaddejjin, titjib tal-interkollegament modali mal-portijiet ta' Sines/Lisboa
Ferrovija li timxi b'veloċità qawwija Porto - Lisboa	Ferrovija	studji għaddejjin
Kollegament permezz tal-ferrovija Aveiro - ES	Ferrovija	transkonfinali: xogħlijiet għaddejjin
Kollegament permezz tal-ferrovija Bergara - San Sebastián - Bayonne	Ferrovija	tlestija fi ES mistennija sal-2016, fi FR sal-2020
Bayonne - Bordeaux	Ferrovija	konsultazzjoni pubblika għaddejja
Tours - Bordeaux	Ferrovija	xogħlijiet għaddejjin
Paris	Ferrovija	bajpas li tippermetti veloċità qawwija lejn in-naħa t'isfel
Baudrecourt - Mannheim	Ferrovija	titjib
Baudrecourt - Strasbourg	Ferrovija	xogħlijiet għaddejjin, għandhom jitlestew sal-2016

## 8. Dublin – London – Paris – Brussel/Bruxelles

Belfast – Dublin – Holyhead – Birmingham  
 Glasgow/Edinburgh – Birmingham  
 Birmingham – London – Lille – Brussel/Bruxelles  
 Dublin/Cork/Southampton – Le Havre – Paris  
 London – Dover – Calais – Paris

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Dublin - Belfast	Ferrovija	Titjib; Interkollegaturi f'Dublin (DART)
Glasgow - Edinburgh	Ferrovija	titjib
Veloċità Għolja 2	Ferrovija	studji
Swansea - Cardiff - Bristol - London	Ferrovija	titjib



Dublin, Cork, Southampton, Le Havre	Portijiet	kollegamenti ma' postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż
Le Havre - Paris	IWW	titjib
Le Havre - Paris	Ferrovija	studji
Calais - Paris	Ferrovija	studji preliminari

### 9. Amsterdam – Basel/Lyon – Marseille

Amsterdam – Rotterdam – Antwerp – Brussel/Bruxelles – Luxembourg  
Luxembourg – Dijon – Lyon  
Luxembourg – Strasbourg – Basel

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Maas	IWW	titjib
Albertkanaal	IWW	titjib
Terneuzen	Marittimu	Magħluqin: studji għaddejjin
Terneuzen - Gent	IWW	studji, titjib
Antwerp	Marittimu, port	Magħluqin: studji għaddejjin, port: kollegamenti ma' postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż
Kanal Seine - Escaut	IWW	pjanta lesta, djalogu kompetittiv inniedi, xogħol jitlesta għal kollox sal-2018
Titjib fil-passaġġi tal-ilma f'Wallonia	IWW	studji, titjib
Brussel/Bruxelles - Luxembourg - Strasbourg	Ferrovija	xogħlijiet għaddejjin
Strasbourg - Mulhouse - Basel	Ferrovija	titjib
Kollegamenti bil-Ferrovija Luxembourg - Dijon - Lyon (TGV Rhin - Rhône)	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Lyon	Ferrovija	bajpas fil-Lvant: studji u xogħlijiet
Canal Saône - Moselle/Rhin	IWW	studji preliminari għaddejjin
Rhône	IWW	titjib

## 10. Strasbourg – Kuritur Danubju

Strasbourg – Stuttgart – München – Wels/Linz  
 Strasbourg – Mannheim – Frankfurt – Würzburg – Nürnberg – Regensburg – Passau – Wels/Linz  
 Wels/Linz – Wien – Budapest – Arad – Brašov – București – Constanta - Sulina

Sezzjonijiet identifikati minn qabel	Mezz	Deskrizzjoni/dati
Kollegament permezz tal-ferrovija Strasbourg - Kehl Appenweier	Ferrovija	xogħlijiet fuq l-interkollegament ma' Appenweier
Karlsruhe - Stuttgart - München	Ferrovija	studji u xogħlijiet għaddejnin
München - Mühldorf - Freilassing - Salzburg	Ferrovija	studji u xogħlijiet għaddejnin
Salzburg - Wels	Ferrovija	studji
Nürnberg - Regensburg - Passau - Wels	Ferrovija	studji; xogħlijiet parzjalment għaddejnin
Kollegament permezz tal-ferrovija Wels - Wien	Ferrovija	mistennija titlesta sal-2017
Wien - Budapest	Ferrovija	studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija fl-HU
Arad - Brašov - București - Constanta	Ferrovija	titjib ta' sezzjonijiet speċifiċi; studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Main – Main-Donau-Canal – Danubju	IWW	studji u xogħlijiet fuq bosta sezzjonijiet u fejn hemm il-konġestjonijiet; portijiet mal-passaġġi tal-ilma fuq l-art: kollegamenti ma' postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż
Constanta	Port	kollegamenti ma' postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż

### b) Sezzjonijiet Oħra fin-Netzwerk Ewlieni

Fruentiera minn Sofia għall-FYROM	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
Fruentiera Sofia - Serbia	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
Fruentiera Timișoara – Serbia	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
München – Praha	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji
Nürnberg – Praha	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji
Wrocław – Dresden	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	titjib
Wrocław – Praha	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji
Graz – Maribor – Pragersko	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji
Kuritur ta' Bothnian: Lulea – Oulu	<b>Transkonfinali</b>	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Majjistral ta' Spanja u l-Portugall	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	xogħlijiet għaddejnin
Frankfurt – Fulda – Erfurt – Berlin	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	studji
Halle – Leipzig – Nürnberg	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	xogħlijiet għaddejnin, għandhom jitlestew sal-2017
Ferrovija Egnathia	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
Passaġġi tal-ilma fuq l-art Dunkerque – Lille	<b>Konġestjoni</b>	IWW	studji għaddejnin
Linja Parallela HSR/FVQ (tal-ferroviji li jimxu b'veloċità qawwija) Paris- Lyon	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	studji preliminari għaddejnin
Sundsvall – Umea – Lulea	<b>Konġestjoni</b>	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Malmö - Göteborg	<b>Netzwerk Ewlenija Oħra</b>	Ferrovija	xogħlijiet
Bothnian – Kiruna – fruentiera man-NO	<b>Netzwerk Ewlieni Ieħor</b>	Ferrovija	studji u xogħlijiet
Kollegament permezz tal-ferrovija Shannon – Cork – Dublin	<b>Netzwerk Ewlieni Ieħor</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
Kollegament permezz tal-ferrovija lejn Wilhelmshaven u Bremerhaven	<b>Netzwerk Ewlieni Ieħor</b>	Ferrovija	studji għaddejnin
Fruentiera Zilina – UA	<b>Netzwerk Ewlieni Ieħor</b>	Ferrovija	titjib

Ventspils – Riga – fruntiera mar-RU	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	titjib
Klaipeda – Kaunas – Vilnius – fruntiera mal-BY	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	titjib, interkollegament ma' ajruport
Katowice – Wroclaw – fruntiera mal-DE	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	titjib
Marseille – Toulon – Nice – fruntiera mal-IT	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Bordeaux – Toulouse	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	studji fuq ferrovija li timxi b'veloċità qawwija
Tampere – Oulu	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	titjib ta' xi sezzjonijiet
Pamplona – Zaragoza - Sagunto	<b>Netwerk Ewlieni Ichor</b>	Ferrovija	studji u xogħlijiet

TAQSIMA II: LISTA TA' KURITURI U OQSMA INFRASTRUTTURALI TA' PRIJORITÀ FIL-QASAM TAL-ENERĠIJA

<b>a) Kurituri ta' Prijorità</b>		
	Objettiv	Stati Membri kkonċernati
1. Grilja fl-Ibħra tat-Tramuntana 'l barra ("NSOG" – "Northern Seas offshore grid")	L-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-Baħar tat-Tramuntana 'l barra, fil-Baħar Irlandiż, fil-Fliegu Ingliż, fil-Baħar Baltiku u fl-ilmijiet qribhom sabiex jiġi trasportat l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli barra fil-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin u sabiex jiżdied l-iskambju transkonfinali tal-elettriku	Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, ir-Renju Unit
2. Interkollegamenti tal-elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lbiċ tal-Ewropa ("NSI West Electricity")	L-iżvilupp ta' interkollegamenti bejn l-Istati Membri tar-reġjun u mal-pajjiżi terzi tal-Mediterran, b'mod partikolari sabiex jiġi integrat l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli	Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, Malta, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit
3. Interkollegamenti tal-gass bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fl-Ewropa tal-Punent ("NSI West Gas"):	Iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' interkollegament għall-flussi tal-gass bejn it-Tramuntana u	Il-Belġju, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-

	n-Nofsinhar fl-Ewropa tal-Punent sabiex jiġu ddiversifikati aktar irrotot ta' provvista u tiżdied il-kapaċità li jitwassal il-gass fuq perjodu qasir ta' żmien	Portugall, Spanja, ir-Renju Unit
4. Interkollegamenti tal-elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa (" <b>NSI East Electricity</b> "):	It-tisħiħ tal-interkollegamenti u tal-linji interni fid-direzzjonijiet mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u mil-Lvant għall-Punent sabiex jitlesta s-suq intern u tiġi integrata l-ġenerazzjoni minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli	L-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja
5. Interkollegamenti tal-gass bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa (" <b>NSI East Gas</b> "):	It-tisħiħ tal-kollegamenti reġjonali tal-gass bejn ir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Baħar Adrijatiku, il-Baħar Eġew u l-Baħar l-Iswed, l-aktar sabiex tiżdied id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvista tal-gass	L-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja
6. Pjan ta' Interkollegament tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku fil-qasam tal-elettriku (" <b>BEMIP Electricity</b> "):	L-iżvilupp tal-interkollegamenti bejn l-Istati Membri fir-	Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Isvezja

	reġjun tal-Baltiku u t-tisħiħ tal-infrastrutturi interni tal-grilja kif suppost, sabiex jintemm l-iżolament tal-Istati Baltiċi u sabiex tgħin tferrex l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun	
7. Pjan ta' Interkollegament tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku fil-qasam tal-gass (" <b>BEMIP Gas</b> "):	It-tmiem tal-iżolament tat-tliet Stati Baltiċi u l-Finlandja billi tintemm id-dipendenza fuq fornitur wieħed u tiżdied id-diversifikazzjoni tal-provvisti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku	Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Isvezja
8. Kuritur tal-Gass fin-Nofsinhar (" <b>SGC</b> " – "Southern Gas Corridor"):	Li jingħadda gass mill-Baċir tal-Kaspju, mill-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani lejn l-Unjoni sabiex tiżdied id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass	L-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja

<b>b) Oqsma ta' Prijorità</b>		
	Objettiv	Stati Membri kkonċernati
Tħaddim ta' grilji intelliġenti:	Li jitħaffef il-pass tal-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni sabiex jiġu integrati b'mod effiċjenti l-aġir u l-azzjonijiet tal-utenti	kollha

	kollha mqabba man-netwerk tal-elettriku	
Awtostradi tal-elettriku	L-iżvilupp tal-ewwel awtostradi għall-elettriku sal-2020, bil-għan illi wara tinbena sistema ta' awtostradi għall-elettriku madwar l-Unjoni	kollha
Netwerk transkonfinali għad-dijossidu tal-karbonju	It-tħejjija għall-bini ta' infrastruttura mnejn jgħaddi d-dijossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri sabiex ikun jista' jsir il-ġbir u l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju	kollha



TAQSIMA III: LISTA TA' PRIJORITAJIET U OQSMA TA' INTERVENZJONI IDENTIFIKATI  
BIL-QUDDIEM FIL-QASAM TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

**a) Prijoritajiet orizzontali**

<b>Ġestjoni, Kartografija u Servizzi Innovattivi</b>	<p>Assistenza teknika u miżuri ta' replikazzjoni tal-proġett, fejn ikun meħtieġ għat-tħaddim u l-amministrazzjoni, inkluż ippjanar tal-proġett u tal-investment u studji fuq il-fattibilità tal-proġett.</p> <p>Kartografija tal-infrastruttura pan-Ewropea tal-broadband sabiex jiġu żviluppati sorveljar fiżiku u sħarriġ u dokumentazzjoni kontinwi u dettaljati tas-siti rilevanti, analiżi tad-drittijiet ta' passaġġ, valutazzjonijiet tal-potenzjal għal titjib tal-faċilitajiet eżistenti, eċċ.</p> <p>Analiżi tal-impatt ambjentali, fejn jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet ta' adattament u ta' mitigazzjoni minħabba t-tibdil fil-klima, u r-reżiljenza għad-diżastri</p>
<b>Azzjonijiet ta' appoġġ u miżuri tekniċi oħra ta' appoġġ</b>	<p>L-azzjonijiet meħtieġa sabiex titħejja l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni jew ta' azzjonijiet li jwasslu għal dak l-iskop, li jinkludu l-istudji ta' thejjiġa, ta' fattibilità, ta' evalwazzjoni u ta' validazzjoni, u kwalunkwe miżura teknika oħra ta' appoġġ, inkluż x-xogħol li jsir bil-quddiem sabiex l-azzjoni tiġi definita u żviluppata b'mod sħiħ.</p>

**b) Netwerks tal-broadband**

L-intervent fil-qasam tal-broadband għandu jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti u inklużiv permezz ta' bini ta' portafoll ibbilanċjat u ġeografikament diversifikat ta' proġetti tal-broadband, li jinkludu l-proġetti kemm ta' 30Mbps kif ukoll ta' aktar minn 100Mbps; bi proġetti urbansuburbani u rurali, sabiex jintlaħaq livell sodisfaċenti ta' kollegament fl-Istati Membri kollha.

<b>Karatteristiċi tal-intervent</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
L-intervent fil-qasam tal-broadband għandu jinkludi:	Investimenti fin-netwerks tal-broadband li kapaċi jilhq l-mira tal-Aġenda Diġitali 2020 li jkun hemm kopertura

	<p>universali ta' 30Mbps; jew</p> <p>Investimenti fin-netwerks tal-broadband li kapaċi jilħqu l-mira tal-Aġenda Diġitali 2020 u li jkun hemm tal-anqas 50 % tad-djar abbonati għal veloċitajiet li jaqbżu l-100Mbps;</p>
L-intervent fil-qasam tan-netwerks tal-broadband għandu jkun fih b'mod partikolari element jew aktar minn dawn li ġejjin:	<p>L-implimentazzjoni ta' infrastruttura fiżika passiva jew l-implimentazzjoni ta' infrastruttura fiżika passiva u attiva kkombinata u elementi infrastrutturali anċillari, flimkien mas-servizzi meħtieġa sabiex titħaddem infrastruttura bħal din;</p> <p>Il-faċilitajiet assoċjati u s-servizzi assoċjati, bħal li tgħaddi l-wajers, ittella' l-antenni, torrijiet u installazzjonijiet oħra meħtieġa, tubi, kondjuwits, arbli, toqob għall-ispezzjonar, u kaxex fit-toroq sabiex jitwassal is-servizz;</p> <p>L-aqwa użu tas-sinerġiji li jistgħu jhorgu bejn il-bidu ta' netwerks tal-broadband u netwerks oħrajn li jwasslu servizzi oħra (enerġija, trasport, ilma, drenaġġ, eċċ), b'mod partikolari dawk relatati mad-distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku.</p>

### c) Infrastrutturi tas-servizz Diġitali

L-oqsma ta' intervent li ġejjin fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizz Diġitali għandhom jingħataw appoġġ.

Servizz Diġitali	Deskrizzjoni
<i>Kollegamenti trans-Ewropej b'veloċità qawwija bejn ir-rotot ewlenin mnejn tgħaddi d-dejta għall-amministrazzjonijiet pubbliċi</i>	Infrastruttura pubblika trans-Ewropea għar-rotot ewlenin mnejn tgħaddi d-dejta li għandha tipprovdi veloċità qawwija u kollegament bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi f'oqsma bħall-amministrazzjoni pubblika, il-kultura, l-edukazzjoni u s-saħħa.
<i>Twassil minn pajjiż għal ieħor ta' servizzi tal-Gvern elettroniku</i>	Pjattaformi ta' interazzjoni standardizzati, transkonfinali, u faċli sabiex jintużaw mill-utenti, li għandhom jiġġeneraw kisbiet fl-effiċjenza kemm madwar l-ekonomija kif

	<p>ukoll fis-settur pubbliku u li għandhom jikkontribwixxu għas-Suq Uniku.</p> <p>Pjattaformi bħal dawn jippermettu li jsiru akkwisti b'mezzi elettroniċi, l-għoti minn fuq l-internet ta' servizzi tas-saħħa, li jsir rappurta kummerċjali standardizzati, skambju elektroniku ta' informazzjoni għudizzjarja, reġistrar trans-Ewropew tal-kumpaniji minn fuq l-internet, li jingħataw servizzi tal-Gvern elektroniku lin-negozzi, inkluż l-irreġistrar trans-Ewropew tal-kumpaniji minn fuq l-internet.</p>
<p><i>L-għoti tal-possibilità ta' aċċess għal informazzjoni mis-settur pubbliku u servizzi mogħtija b'bosta lingwi</i></p>	<p>Id-diġitalizzazzjoni ta' għabriet kbar ta' riżorsi kulturali Ewropej u t-tteggig tal-użu mill-għdid tagħhom minn partijiet terzi.</p> <p>Il-kisba ta' aċċess sħiħ sal-2020 għall-informazzjoni divulgabbli kollha li għandu s-settur pubbliku fl-UE għal min ikun irid jerġa' jużaha.</p> <p>Li jkun possibbli għal kwalunkwe negozju fl-UE li joffri servizzi minn fuq l-internet fil-lingwa tiegħu stess li jkunu aċċessibbli bla problema ta' xejn u li jistgħu jintużaw bi kwalunkwe lingwa tal-UE</p>
<p><i>Sikurezza u sigurtà</i></p>	<p>Faċilitajiet tal-kompjuters, databases u għodod ta' softwer għaċ-Ċentri tal-Internet Aktar Sikuri (ĊIASiSICs – Safer Internet Centres) fl-Istati Membri li jkollhom aċċess għalihom kollha kemm huma, kif ukoll servizzi li jieħdu ħsieb ir-rappurta ta' xi kontenut marbut ma' xi abbuż sesswali</p> <p>Infrastrutturi ta' servizzi kritiċi, fosthom kanali u pjattaformi ta' komunikazzjoni żviluppati u mħaddma sabiex titejjeb il-kapaċità madwar l-UE mil-lat ta' ttejjija, tpartit ta' informazzjoni, koordinazzjoni u reazzjoni.</p>
<p><i>It-tħaddim ta' soluzzjonijiet mill-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fin-netwerks tal-enerġija</i></p>	<p>Teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam tas-servizzi intelliġenti tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-</p>

*intelliġenti u fl-għoti ta' Servizzi Intelliġenti tal-Enerġija*

ħtiġijiet taċ-ċittadini (li jistgħu jkunu kemm produtturi kif ukoll konsumaturi tal-enerġija), fornituri tal-enerġija u awtoritajiet pubbliċi.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa<sup>7</sup>

#### 1.2. Qasam(oqsma) tal-politika konċernati fl-istruttura tal-ABM/ABB<sup>48</sup>

06 Mobbiltà u Trasport  
32 Enerġija  
09 Soċjetà Informatika u Mezzi tax-Xandir  
13 Politika Reġjonali

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>49</sup>

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta mal-estensjoni ta' **azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettivi

##### 1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Intestatura 1 Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv

Is-CEF sejra tindirizza l-objettivi ġenerali li ġejjin fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni:

a)tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej moderni bi prestazzjonijiet tajba ħafna, u b'hekk iżżid il-benefiċċji għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, mil-lat ta' kompetittività u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan is-Suq Uniku u toħloq ambjent illi jgħin il-ħolqien ta' investiment privat u pubbliku permezz ta' taħlita ta' strumenti finanzjarji u għajjnuna diretta mill-Unjoni u billi tisfrutta s-sinerġiji bejn is-setturi kollha.

<sup>48</sup> ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Baġit Ibbażat fuq l-Attività)

<sup>49</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

b) tippermetti li l-Unjoni Ewropea tilħaq il-miri li għandha għat-tnaqqas b'20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, li żżid b'20 % l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li żżid b'20 % s-sehem mill-enerġija rinnovabbli sal-2020, filwaqt li tiżgura s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati*

Is-CEF qed tfittex l-oġettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni:

1. Fil-qasam tat-trasport:
  - a) it-tneħħija ta' konġestjonijiet u l-bini tal-kollegamenti nieqsa;
  - b) li tiżgura trasport sostenibbli u effiċjenti fuq medda ta' tul ta' żmien;
  - c) li ttejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkollegament bejn il-mezzi tat-trasport u ttejjeb l-interoperabbiltà, sikurezza u sigurtà bejn is-servizzi tat-trasport.
2. Fil-qasam tal-enerġija:
  - a) li thegħeġ aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-netwerks tal-elettriku tal-gass irrispettivament mill-fruntieri, fosthom billi tiżgura illi ebda Stat Membru ma jkun iżolat min-netwerk Ewropew;
  - b) li ttejjeb s-sigurtà fil-provvista tal-Unjoni;
  - c) li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi thegħeġ l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija u l-iżvilupp ta' netwerks tad-dijossidu tal-karbonju.
3. Fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni:
  - a) tħaffef l-pass tat-tħaddim ta' netwerks tal-broadband veloċi u ultraveloċi u l-użu tagħhom, inkluż mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

b) thegħeġ l-interkollegament u l-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi nazzjonali mogħtija minn fuq l-internet u kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks.

L-attività/jiet ABM/ABB kkonċernata/i

06 03  
32 03  
09 03  
13 14

### 1.4.3. Riżultat(i) mistenni/ja u impatt

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Impatti soċjoekonomiċi u ambjentali ġenerali:

Implimentazzjoni b'suċċess tas-CEF tħaffef il-pass tal-iżvilupp ta' infrastrutturi bi prestazzjoni tajba ħafna fl-UE fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u hekk tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri marbuta mal-enerġija u t-tibdil fil-klima assoċjati mal-Istrateġija UE 2020 u sabiex tinkiseb kompetittività sostenibbli tal-UE. Ir-regoli operattivi taħt is-CEF ser jgħinu fil-progress tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u jħeġġu li jsir l-aktar użu vantaġġjuż tal-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE sabiex jiġu attirati l-investimenti pubbliċi u privati għall-proġetti. Barra minn hekk, bl-assistenza tal-istrumenti finanzjarji stabbiliti bil-kontribuzzjoni tal-UE, l-infrastrutturi ta' rilevanza Ewropea jsiru assi ta' investiment attraenti għall-investituri istituzzjonali minn ġewwa u minn barra l-Ewropa.

Impatti speċifiċi għal kull settur:

Trasport:

L-implimentazzjoni b'pass imgħaġġel tal-kuritur tan-Netzwerk Ewlieni trans-Ewropew tat-trasport sejra tiffavorixxi kopertura aktar kif suppost tal-infrastruttura tat-trasport għall-Unjoni, il-bidla modali u l-komodali. Sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni innovattivi, li sejin jiffurmaw parti min-netwerk, sejin jipprovdu appoġġ għall-funzjonijiet loġistiċi, l-integrazzjoni intermodali u t-tħaddim sostenibbli sabiex jiġu stabbiliti katini ta' trasport kompetittivi, skont il-ħtiġijiet tal-utenti. L-effiċjenza tas-sistema tat-trasport sejra titjeb, bi tnaqqis importanti fil-konġestjoni u l-ħin meħud għall-ivvjaġġar.

Enerġija:

L-iżvilupp u l-bini tal-kuritur ta' prijorità fl-infrastruttura tal-enerġija u oqsma li jgħinu l-iżvilupp fost l-oħrajn ta':

- tħaddim fuq skala kbira tal-enerġiji rinnovabbli,
- li jsir l-aqwa użu possibbli mis-sistema ta' twassil tal-enerġija fuq livell tal-UE
- sigurtà fil-provvista

Telekomunikazzjoni:

- li jkun hemm aktar ċittadini b'aċċess għall-internet permezz tal-broadband
- id-disponibbiltà ta' infrastrutturi interoperabbli tas-servizz diġitali, b'mod partikolari ta' servizzi ta' distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku
- l-użu ta' investiment privat u aktar investiment pubbliku fl-infrastrutturi diġitali

Għall-ICT, studju tal-OECD (“Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi”) jissuġġerixxi li rata ta’ penetrazzjoni tal-broadband ta’ għaxra fil-mija oġhla fi kwalunkwe sena hija korrelata ma’ żieda ta’ 1.5 % fil-produttività tax-xogħol fuq il-ħames snin ta’ wara<sup>50</sup>.

Metastudju għall-Kummissjoni Ewropea jistma li l-kollegament tal-Ewropa kollha ma’ broadband moderna b’veloċità qawwija tista’ toħloq madwar 3.99 miljun impjieg fl-Istati Membri tal-UE27. Din l-analiżi turi wkoll li l-livell medju tat-tkabbir tal-PDG (Prodott Domestiku Gross) li jirriżulta mill-investment fil-broadband huwa ta’ 7.03 %. Dan ifisser żieda ta’ EUR 862.47 biljun fil-PDG tal-UE27. Barra minn hekk, studju tal-OECD<sup>51</sup> jissuġġerixxi li l-gvernijiet jistgħu jiksibu gwadann għall-għaxar snin ta’ wara li jiffinanzjaw għal kollox in-netwerk FTTH (“Fibre To The Home”) nazzjonali, minn punt sa punt, b’aċċess miftuħ.

#### 1.4.4. Stampa ġenerali tal-istadji ewlenin u tal-miri:

##### Trasport:

<b>Mira ġenerali 1</b>	Kontribut lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv		
<b>Indikatur</b>	<b>Qagħda preżenti</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira għat-tul 2020</b>
Volum ta' investment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni		EUR 280 biljun ta' investimenti jkunu saru fuq in-netwerk kollu tat-TEN-T, li minnhom EUR 140 biljun ikunu saru fuq in-netwerk ewlieni	EUR 500 biljun ta' investimenti jkunu saru fuq in-netwerk kollu tat-TEN-T, li minnhom EUR 250 biljun ikunu saru fuq in-netwerk ewlieni
Volum ta' investment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni rrealizzat permezz tal-Istrumenti Finanzjarji taħt dan ir-Regolament		EUR 15 biljun ta' investimenti privati ikunu saru fuq in-netwerk kollu tat-TEN-T	EUR 40 biljun ta' investimenti privati jkunu saru fuq in-netwerk kollu tat-TEN-T.

<sup>50</sup> Roman Friedrich, Karim Sabbagh, Bahjat El-Darwiche, u Milind Singh (2009): Digital Highways. The Role of Government in 21<sup>st</sup> Century Infrastructure. Booz & Company.

<sup>51</sup> OECD (2010), OECD Information Technology Outlook 2010, OECD Publishing. Jinsab fuq [http://dx.doi.org/10.1787/it\\_outlook-2010-en](http://dx.doi.org/10.1787/it_outlook-2010-en) Aċċessat fis-17 ta' Mejju 2011



<b>General objective 2</b>	Enable EU to reach 20-20-20 targets		
<b>Indikatur</b>	<b>Qagħda preżenti</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira għat-tul</b>
Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra	(*)	(*)	(*)
Żieda fl-effiċjenza tal-enerġija	(*)	(*)	(*)
Sehem ta' enerġija rinnovabbli	(*)	(*)	(*)

(\*) Id-dejta għadha mhux disponibbli għax il-metodoloġija għadha trid tiġi żviluppata.

<b>Objettiv speċifiku 1 - trasport</b>	Tneħħija tal-konġestjonijiet u l-bini tal-kollegamenti nieqsa		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
L-għadd ta' kollegamenti transkonfinali ġodda jew imtejba	Ferroviji: 36 (hemm bżonn ta' titjib)	6	14
Konġestjonijiet imneħħija minn fuq ir-rotot tat-trasport	Ferroviji: 30 (hemm bżonn li jitneħħew) IWW: 14	4 1	10 3

<b>Mira speċifika 2 - trasport</b>	Li jiġi żgurat trasport sostenibbli u effiċjenti fuq medda ta' tul ta' żmien		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira 2020</b>
Tul tan-netwerk TEN-T tal-ferroviji	81230 (2005)	74071	71490

konvenzjonali fl-UE-27 (imkejla f'km)			
tul tan-netwerk TEN-T tal-ferroviji li jimxu b'veloçità qawwija fl-UE-27 (imkejla f'km)	10733 (2010)	20022	23198
Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra	(*)	(*)	(*)
Żieda fl-effiçjenza tal-enerġija	(*)	(*)	(*)

(\*) Id-dejta għadha mhux disponibbli għax il-metodoloġija għadha trid tiġi żviluppata.

<b>Mira speċifika 3 - trasport</b>	Li jsir l-aqwa użu possibbli mill-integrazzjoni u l-interkollegament bejn il-mezzi tat-trasport u li tittejjeb l-interoperabbiltà bejn is-servizzi tat-trasport		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf (kollegamenti diġà eżistenti)</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
L-għadd ta' portijiet b'kollegament man-network tal-ferrovija (minn total ta' 82 port)	27	41	54
L-għadd ta' ajruporti b'kollegament man-network tal-ferrovija (minn total ta' 37 ajruport)	12	18	24

#### Enerġija:

<b>Mira ġenerali 1</b>	Kontribut lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv		
<b>Indikatur</b>	<b>Qagħda preżenti</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira għat-tul</b>
Volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess	0	200 bn	200 bn

komuni			
Volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni iffinanzjati mis-CEF	0	30-60 bn	30-60 bn

<b>Mira ġenerali 2</b>	Li tippermetti lill-UE tilħaq il-miri 20-20-20 li għandha		
<b>Indikatur</b>	<b>Qagħda preżenti</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira għat-tul</b>
Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra	(*)	(*)	(*)
Żieda fl-effiċjenza tal-enerġija	Iffrankar ta' madwar 6 % tal-enerġija meta mqabbel mal-BAU (Business as Usual – "kollox jibqa' għaddej bħas-soltu kif kien")	Iffrankar ta' madwar 14 % tal-enerġija meta mqabbel mal-BAU	Iffrankar ta' 20 % tal-enerġija
Sehem li jiġi mill-enerġija rinnovabbli	Sehem ta' 10 % mill-RES (Renewable Energy Sources – "sorsi ta' enerġija rinnovabbli") fil-konsum aħħari tal-enerġija	Sehem ta' 15 % mill-RES fil-konsum aħħari tal-enerġija	Sehem ta' 20 % mill-RES fil-konsum aħħari tal-enerġija

(\*) Id-dejta tkun disponibbli wara l-implimentazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fil-linji gwida dwar l-infrastruttura tal-enerġija.

<b>Mira speċifika 1 - enerġija</b>	Li tgħin fil-progress ta' aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u fl-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass irrispettivament mill-fruntieri		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija</b>	<b>Mira</b>
l-għadd ta' proġetti li jwasslu għal interkollegament effikaċi bejn in-netwerks tal-Istati Membri u li jneħħu l-konġestjonijiet interni	(*)	(*)	(*)

(\*) Id-dejta tkun disponibbli wara l-implimentazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fil-linji gwida dwar l-infrastruttura tal-enerġija.

<b>Mira speċifika 2 - enerġija</b>	Titjib fis-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni
------------------------------------	---

<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
evoluzzjoni fir-reżiljenza tas-sistema	Gass: N-1 (9 Stati Membri għadhom ma laħqux N-1)	Gass: N-1 jintlaħaq mill-UE-27 kollha	Gass: N-1 jintlaħaq 100% mill-EU-27 kollha b'100 %
sigurtà fl-operat tas-sistema	(*)	(*)	(*)
l-għadd ta' proġetti li jippermettu diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, tal-fornituri u r-rotot	3 sorsi ewlenin ta' forniment tal-gass għall-UE flimkien ma' gass naturali likwidifikat (Liquefied Natural Gas – "Gass naturali f'għamla likwida" - LNQ)		Minimu ta' 5 sorsi importanti ta' gass għall-UE flimkien ma' gass naturali likwidifikat (LNG)

(\*) Id-dejta tkun disponibbli wara l-implimentazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fil-linji gwida dwar l-infrastruttura tal-enerġija.

<b>Objettiv speċifiku 3 – enerġija</b>	Kontribut lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
twassil ta' enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn ġiet iġġenerata lejn dawk tal-konsum u s-siti tal-ħżin	(*)	(*)	(*)
l-ammont totali ta' emissjonijiet ta' CO <sub>2</sub> li ma ġewx iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti mibnija li bbenefikaw mis-CEF.	(*)	(*)	(*)

(\*) Id-dejta tkun disponibbli wara l-implimentazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fil-linji gwida dwar l-infrastruttura tal-enerġija.

### Telekomunikazzjoni:

<b>Objettiv ġenerali 1</b>	Kontribut lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv		
<b>Indikatur</b>	<b>Qagħda preżenti</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira fit-tul</b>

Volum ta' investiment privat fl-internet li jaħdem bil-broadband veloċi u ultraveloċi <sup>52</sup>			Previżjonijiet ta' investiment privat bejn 2011 u 2020, jitelghu sa EUR 50bn  (Investiment meħtieġ sal-2020: EUR 270bn)
Volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni sabiex ikun hemm internet li jaħdem bil-broadband veloċi u ultraveloċi ffinanzjati mis-CEF <sup>53</sup>	0	EUR 16.4bn	2020: EUR 45.5bn <sup>54</sup>

<b>Objettiv speċifiku 1 - ICT</b>	Li jitħaffef il-pass fit-tħaddim ta' netwerks tal-broadband veloċi u ultraveloċi u l-użu tagħhom		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
Livell ta' kopertura mill-broadband veloċi(≥30 Mbs)	Diċembru 2010: 28.7 % tad-djar	2017: 60 %	2020: 100 %
Livell ta' abbonamenti għal kollegamenti tal-broadband li jaqbżu l-100 Mbs	Diċembru 2010: <1 %	2017: 20 %	2020: 50 %

<sup>52</sup>

Din hija l-previżjoni tal-investimenti magħmula indipendentement u mingħajr ebda intervent mis-CEF.

<sup>53</sup>

Din hija previżjoni ta' x'jista' jinkiseb permezz tas-CEF.

<sup>54</sup>

Din tassumi EUR 6.5bn ta' fondi mis-CEF li jżidu l-investiment privat u investiment pubbliku (ieħor) b'7 darbiet aktar.

<b>Objettiv speċifiku 2 - ICT</b>	L-interkollegament u l-interoperabbiltà bejn is-servizzi pubbliċi nazzjonali mogħtija minn fuq l-internet kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks		
<b>Indikatur</b>	<b>L-aħħar riżultat magħruf</b>	<b>Skaluna Ewlenija 2017</b>	<b>Mira</b>
Ċittadini u negozji li jużaw servizzi pubbliċi mogħtija minn fuq l-internet <sup>55</sup>	2010: 41.2 % taċ-ċittadini u 75.7 % tan-negozji	2017: 50 % taċ-ċittadini u 85 % tan-negozji	2020: 60 % taċ-ċittadini u 100 % tan-negozji
Disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi fuq livell transkonfinali <sup>56</sup>	mhux applikabbli	80 %	2020: 100 %

#### 1.4.5. Indikaturi tar-riżultati u impatt

*Speċifika l-indikaturi għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-proposta/inizjattiva.*

<p>Il-prestazzjoni tas-CEF għandha tiġi vvalutata fparagun mal-<b>indikaturi ġenerali tal-prestazzjoni</b> li ġejjin:</p> <p>(a) L-ilħuq tal-objettiv ġenerali (a) ser jiġi mkejjejl mill-volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni, u b'mod partikolari mill-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' interess komuni li jkunu saru bis-saħħa tal-istrumenti finanzjarji taħt ir-Regolament tas-CEF.</p> <p>(b) L-ilħuq tal-objettiv ġenerali (b) ser jiġi imkejjejl skont kemm ikun hemm tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kemm ikun hemm żieda fl-effiċjenza tal-enerġija u kemm ikun is-sehem tal-enerġija rinnovabbli sal-2020. Il-prestazzjoni tas-CEF għandha tiġi vvalutata wkoll fparagun mal-<b>indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi għal kull settur</b>:</p> <p>1. Fil-qasam tat-trasport:</p>
---

<sup>55</sup> Kif imkejla: ċittadini u negozji li jużaw is-servizzi tal-Gvern elettroniku

<sup>56</sup> Servizzi pubbliċi fuq livell transkonfinali: s'issa dan għadu ma jistax jitkejjejl, minħabba illi l-lista ta' servizzi għadha qed tiġi stabbilita mill-Istati Membri (Aġenda Diġitali Azzjoni Nru. 91, għandha titlesta sal-aħħar tal-2011)

- a) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (a) ser jiġi mkejje mill-għadd ta' kollegamenti transkonfinali ġodda jew imtejba u l-konġestjonijiet imneħħija minn fuq is-sistema tal-ferroviji tat-TEN-T u l-passaġġi tal-ilma fuq l-art li jkunu bbenefikaw mis-CEF.
- b) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (b) ser jiġi mkejje mit-tul tan-netwerk tal-ferrovija fl-UE-27 u mit-tul tan-netwerk tal-ferrovija li timxi b'veloċità qawwija fl-UE-27;
- c) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (c) ser jiġi mkejje mill-għadd ta' portijiet u ajruportijiet b'kollegament mal-linji tal-ferrovija.

2. Fil-qasam tal-enerġija:

- a) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (a) ser jiġi mkejje mill-għadd ta' proġetti li jwasslu għal interkollegament effettiv bejn in-netwerks tal-Istati Membri u li jneħħu l-konġestjonijiet interni.
- b) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (b) ser jiġi mkejje minn kemm ikun hemm evoluzzjoni fir-reżiljenza tas-sistema u s-sigurtà tal-operat tas-sistema u kif ukoll mid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, tal-fornituri u tar-rotot;
- c) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (c) ser jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk tal-konsum u s-siti tal-ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnew u bbenefikaw mis-CEF.

3. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni:

- a) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (a) ser jiġi mkejje mill-livell ta' kopertura mill-broadband u mill-broadband ultraveloċi u mill-għadd ta' djar li jkollhom abbonament għal kollegament tal-broadband li taqbeż il-100 Mbs;
- (ii) L-ilħuq tal-objettiv speċifiku (b) ser jiġi mkejje mill-persentaġġ ta' ċittadini u negozji li jkunu qed jużaw servizzi pubbliċi mogħtija minn fuq l-internet u mid-disponibbiltà ta' servizzi bħal dawn minn pajjiż għal ieħor irrispettivament mill-fruntieri.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħaq/qu fuq medda qasira jew fit-tul*

ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni dwar il-ħtiġijiet

Popolazzjoni fil-mira: l-UE kollha kemm hi

*1.5.2. Valur miżjud mis-sehem tal-UE (ara wkoll il-punt 2.3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni)*

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni addottat Komunikazzjoni dwar il-‘Baġit għall-Ewropa 2020’ (‘Komunikazzjoni dwar l-MFF’ – “Qafas finanzjarju multiannwali”) li hija l-pożizzjoni ewlenija tagħha dwar il-finanzi tal-Unjoni għas-snin 2014-2020. Din tiffoka fuq finanzjament prijoritarju fuq livell tal-UE li jipprovdi valur miżjud tassew għaċ-ċittadini tal-UE. Il-programmi u l-istrumenti inklużi fl-MFF tfasslu mill-ġdid sabiex jiġi

żgurat li r-riżultat li joħroġ minnhom u l-impatti tagħhom imexxu 'l quddiem il-prijoritajiet ewlenin tal-politiki tal-UE. B'mod partikolari, l-MFF ġie mmodernizzat billi r-riżorsi ġew allokati mill-ġdid lejn l-oqsma ta' prijorità, li waħda minnhom hija l-infrastruttura pan-Ewropea.

Il-Komunikazzjoni dwar l-MFF xeħtet dawl fuq il-fatt li Suq Uniku li jaħdem kollu kif suppost jeħtieġ infrastruttura moderna bi prestazzjoni tajba ħafna li tikkollega l-Ewropa, b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u l-ICT. Dan jeħtieġ investimenti konsiderevoli, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. Huwa stmat li huma meħtieġa madwar EUR 200 biljun sabiex jitlestew in-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija biss sabiex din tkun tista' titwassal, EUR 500 biljun jeħtieġ li jiġu investiti f'network trans-Ewropew tat-trasport, u aktar minn EUR 250 biljun fl-ICT għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

Filwaqt li huwa rikonoxxut li s-suq jista' u għandu jipprovdi l-parti l-kbira tal-investimenti meħtieġa, il-Komunikazzjoni dwar l-MFF saħqet fuq il-valur miżjud ta-Unjoni li tiżgura finanzjament għall-proġetti transkonfinali pan-Ewropej li jikkollegaw iċ-ċentru u l-periferija għall-benefiċċju ta' kulħadd. L-esperjenza wriet li l-iffukar nazzjonali tal-ippjanar ma jagħtix prijorità għolja biżżejjed lill-investimenti transkonfinali minn diversi pajjiżi sabiex jipprovdu lis-Suq Uniku bl-infrastruttura li jeħtieġ. Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni ta' wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja, ir-restrizzjonijiet fuq is-sorsi privati u pubbliċi ta' ffinanzjar ġabu livell notevoli ta' inċertezza fuq kemm se jintlaħqu l-investimenti meħtieġa. Aktarx li l-aktar milquta, b'mod partikolari, se jkun dawk il-proġetti b'rilevanza trans-Ewropea, li jeħtieġu investimenti partikolarment kbar u għal tul ta' żmien, minħabba l-kumplessità teknika oġhla li bilfors jġibu magħom u kif ukoll il-ħtiġijiet ta' koordinazzjoni transkonfinali għalihom. Bħala rimedju, iridu jinstabu soluzzjonijiet komplimentari sabiex jinħareġ kapital privat u jergġhu jiġu stabbiliti flussi stabbli ta' ffinanzjar permezz tas-suq kapitali u dak bankarju. Il-fondi tal-UE għandhom jgħinu lid-dinamika tas-suq, billi jipprovdu inċentivi minflok ma jieħdu post il-partiċipazzjoni tas-suq fl-iffinanzjar tal-infrastruttura. B'mod partikolari, hekk kif saħqet ukoll il-Komunikazzjoni dwar ir-Revizzjoni tal-Baġit, l-aħjar rwol għall-baġit tal-UE huwa li jimla l-vojt imħolli mill-Istati Membri.

Għal dan il-għan, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sejra tipprovdi fondi tal-UE għal proġetti li jwasslu tassew għal valur miżjud tal-UE, l-aktar il-proġetti transkonfinali, il-proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet jew il-proġetti li jġibu benefiċċji mifruxa madwar l-UE kollha.

Minħabba l-daqs tal-investimenti meħtieġa, l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-istrumenti innovattivi ta' finanzjament, se jrin jikkontribwixxu għall-ġbir tas-sehem meħtieġ mis-settur privat sabiex jitħaffef il-pass tal-iżvilupp tal-infrastruttura pan-Ewropea.

### 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili li kellna fil-passat*

Skont il-qafas finanzjarju multiannwali tal-2007-2013, għadd ta' programmi għaddew finanzjament għall-infrastruttura fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, fost l-oħrajn il-programm TEN-T, il-programm TEN-E, is-CIP ICT PSP, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FEŻR, il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru, u Marco Polo.



Evalwazzjonijiet retrospettivi ta' dawn il-programmi wrew li, fit-tliet setturi li huma, l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-UE kien ta' għajnuna importanti billi xpruna l-iżvilupp tal-infrastruttura. Madanakollu, xeħtu dawl ukoll fuq il-fatt li l-politiki tal-passat għall-iffinanzjar tat-TEN ma kinux biżżejjed sabiex jikkoreġu n-nuqqasijiet tas-suq/regolatorji li jiddeterminaw is-sitwazzjoni preżenti u sabiex jistimulaw valur oġġla għall-flus maħruġa.

L-iżvilupp tal-infrastruttura sofra minn frammentazzjoni ta' programmi u strumenti ta' finanzjament imxerrda 'l hawn u 'l hinn, kif ukoll minn eteroġenità konsiderevoli fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament attwali, fit-tliet setturi tal-infrastruttura kollha kif ukoll bejniethom, li twassal għal duplikar tal-istess xogħol, diskrepanzi fil-finanzjament u użu anqas minn biżżejjed mis-sinerġiji. Regoli differenti ta' eliġibbiltà u ġestjoni, u objettivi li jkopru l-istess ambitu iżda mbagħad bi prijoritajiet f'it li xejn koordinati, jekk ikunu koordinati, jikkumplikaw l-implimentazzjoni u jnaqqsu l-effiċjenza tal-assistenza finanzjarja. Id-disponibbiltà ta' sorsi differenti ta' finanzjament fi ħdan l-istess setturi twassal ukoll għal "tiftix għall-finanzjament", fejn wieħed jipprova jerġa' jressaq l-istess proposta ta' proġett mill-ġdid jekk din ma tiġix aċċettata f'xi wieħed mill-programmi.

Barra minn hekk, l-appoġġ għall-infrastruttura madwar l-UE kollha fl-oqsma kkonċernati jista' jittejjeb billi:

- tingħata importanza lill-proġetti b'valur miżjud tal-UE veru, l-aktar lil proġetti transkonfinali, proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet jew proġetti li jġibu benefiċċji madwar l-UE kollha billi jużaw sinerġiji ta' bejniet żewġ setturi jew tlieta.
- jittejjeb l-vantaġġ maħruġ mill-iffinanzjar tal-UE: Sikwit, ir-rati ta' kofinanzjament fis-seħħ ikunu baxxi wisq sabiex iwasslu għal iżvilupp ta' xi proġett.
- jitħeġġeġ aktar sehem mis-settur privat permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji flimkien ma' għotjiet, aspett li, pereżempju, wera li huwa ferm effiċjenti u effikaċi għall-RSFF.
- jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri għall-finanzjament.

Is-CEF tgħaqqad strumenti finanzjarji għat-tliet setturi u dan jippermetti li jiġu indirizzati aħjar in-nuqqasijiet marbuta mal-frammentazzjoni msemmija aktar 'il fuq, li jiġu definiti b'mod ċar il-prijoritajiet għall-finanzjament, li jiġu proposti rati ta' finanzjament immirati aħjar u li titwessa' l-ġabra ta' strumenti ta' finanzjament billi jiġu mnedija strumenti finanzjarji ġodda li jħeġġu żieda fil-finanzjament mis-settur privat.

#### 1.5.4. *Koerenza u sinerġiji possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Koerenza interna tas-CEF:

Ir-Regolament CEF irid isib bilanċ bejn, min-naħa, il-ħtieġa għal simplifikazzjoni u allinjament tar-regoli u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament u fuq in-naħa l-oħra, li jirrispetta l-objettivi tal-politiki speċifiċi għas-settur.

Ir-Regolament CEF jiddefinixxi l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri sabiex jipprovdi għajnuna finanzjarja mill-Unjoni għal networks trans-Ewropej li sejrini jiġu addottati tliet

linji gwida settorjali għalihom f'għamla ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Inżammet koerenza sħiħa mar-RF attwali u dak tal-ġejjieni. Kif wieħed jistenna fit-testi ġuridiċi tqiesu l-eċċezzjonijiet li jista' jkun hemm.

Sinerġija ma' strumenti rilevanti oħra:

L-inizjattiva proposta hija konsistenti b'mod sħiħ mal-Komunikazzjoni dwar l-MFF tal-2011 u d-dokument ta' magħha. L-istrateġija UE 2020, ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE, l-Att dwar is-Suq Uniku u l-Komunikazzjoni dwar l-MFF jipprovdu l-kuntest għall-inizjattiva proposta li l-oġġettivi tagħha jirriflettu l-oġġettivi tal-politiki orizzontali msemmija hawn fuq. Il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR se jrin jibqgħu jkunu disponibbli għall-iffinanzjar tal-infrastruttura ewlenija u komprensiva, għat-trasport, għall-ICT u n-netwerks tad-distribuzzjoni tal-enerġija taħt ġestjoni deċentralizzata.

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva bi **żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020
- Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2030

Proposta/inizjattiva bi **żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod/i ta' ġestjoni previst(i)<sup>57</sup>

**Ġestjoni ċentralizzata** b' mod **dirett** mill-Kummissjoni

**Ġestjoni ċentralizzata b' mod indirett** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- korpi stabbiliti mill-Komunitajiet<sup>58</sup>
- entitajiet nazzjonali mis-settur pubbliku/entitajiet b' missjoni ta' servizz pubbliku
- persuni inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

**Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*kif speċifikat hawn taħt*)

*Jekk huwa indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

L-għotjiet ta' flus (għas-setturi kollha jew uħud minnhom, soġġetti għal deċiżjonijiet ulterjuri) se jn jinimplimentati minn aġenzija/i eżekuttivi eżistenti jew minn daww tal-ġejjieni.

Jistgħu jiġu assenjati kompiti addizzjonali lill-BEI, lill-FEI, jew lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. l-Eurocontrol), korpi b' missjoni ta' servizz pubbliku, jew korpi

<sup>57</sup> Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

<sup>58</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

msemija fl-Artikolu 185 tar-RF (eż. ACER – “Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija”) (l-Artikoli 200 u 201 tal-RF rivedut).

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-programm attwali se jjer jiġi mmonitorjat permezz ta' evalwazzjoni interim tar-Regolament CEF fejn issir ukoll analiżi tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, se jrin isiru studji intermedjarji tal-programmi ta' ħidma multiannwali.

Evalwazzjoni retrospettiva magħmula b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-benefiċjarji se jra teżamina l-effettività u l-effikaċja tas-CEF u l-impatt tagħha fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-kontribuzzjoni tagħha għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Il-proposta tas-CEF tipprovdi wkoll għall-possibbiltà li ssir evalwazzjoni tal-metodi ta' kif jitwettqu l-proġetti kif ukoll l-impatt tal-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jevalwaw jekk intlaħqux l-oġettivi, inklużi dawk relatati mal-ħarsien ambjentali.

Fuq il-livell tal-azzjonijiet, il-benefiċjarji se jrin jipprovdu rapporti fuq bażi regolari u skont it-termini tal-ftehimiet/deċiżjonijiet dwar l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati. Ir-regolament tas-CEF jipprovdi barra minn hekk għall-possibbiltà li jintalbu mingħand l-Istati Membri evalwazzjonijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u l-proġetti marbutin magħhom

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

- dewmien żejjed fl-implimentazzjoni tal-proġett
- possibbiltà ta' ġestjoni ħażina tal-assistenza finanzjarja tal-UE mill-benefiċjarji
- użu insuffiċjenti mis-suq tal-istrumenti finanzjarji ...
- bidla fil-kundizzjonijiet tas-suq matul iż-żmien

#### 2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Is-CEF ser tiġi implimentata prinċipalment permezz ta' ġestjoni ċentralizzata diretta u indiretta mill-Kummissjoni. Jistgħu jiġu previsti każijiet ta' ġestjoni konġunta. F'dawk li huma għotjiet, l-elementi ewlenin tas-sistema ta' kontroll intern se jrin ikunu l-proċeduri għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proposti għall-għotjiet (kontrolli ex-ante), kontrolli tekniċi u finanzjarji tat-tranżazzjonijiet matul il-ġestjoni tal-proġetti fuq bażi ta' rapporti u awditjar retrospettiv tal-benefiċjarji

Fir-rigward tal-metodi ta' kontroll għall-għotjiet, mhuma previsti ebda bidliet kbar. Il-kalkolu tagħna hu li s-CEF jkollha karatteristiċi simili ta' riskju u tiġi applikata strateġija simili ta' kontroll. Għalhekk aħna nikkalkulaw illi l-livell mistenni ta' nuqqas ta' konformità jkun simili għall-esperjenza TEN-TEA fil-ġestjoni tal-proġetti TEN-T skont kif ġej:

Il-metodoloġija ta' għażla ta' kampjuni għall-awditjar hija bbażata fuq approċċ, parti aleatorju, l-parti l-oħra skont ċertu kriterji ta' riskju. Ir-rati ta' żbalji misjuba (aġġustamenti finanzjarji rrakkomandati bħala % tal-ħlasijiet li saru) kienu taħt il-1 % fl-2009 u fl-2010. Sa ċertu punt dan jista' jkun dovut għall-fatt li l-kompetenza esperta nqassmet ma' dawk involuti fil-parti ex-ante tal-proċess fejn jidħol il-finanzjament (permezz tas-sessjoni dwar tagħlimiet li ħarġu mill-awditjar tal-2008 u l-2009 u t-tekniki ta' prevenzjoni kontra l-frodi). Minħabba d-daqs limitat tal-kampjun li jsir awditjar fuqu u l-fatt li jintgħażel b'metodu parti aleatorju u parti oħra skont ċertu kriterji ta' riskju, ir-rati ta' żbalji ma jistgħux madankollu jiġu applikati għall-proġetti kollha ġestiti mit-TEN-TEA.

